# Rapport Nazzjonali dwar

## IS-SITWAZZJONI TAD-DROGA U RISPONSI GĦALIHA F'MALTA

**2023**

Drittijiet tal-Awtur
Il-Punt Fokali Nazzjonali għad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2024

Id-drittijiet kollha miżmumin. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema ta' rkupru,trażmessa jew utilizzata fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mezz elettroniku, mekkaniku,
ta' fotokopjar, reġistrazzjoni, jew xort'oħra, mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikaturi.

Ippubblikat mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal
u kofinanzjat mill-EMCDDA.

Ir-Rapport Nazzjonali dwar is-Sitwazzjoni tad-Droga u r-Reazzjonijiet għad-Droga f'Malta 2023
ISBN: 978-9918-9580-1-6
Kliem ewlieni: droga, sitwazzjoni, reazzjoni, Malta

Issettjar tat-tipa minn Etienne Robinich
Stampat fl-Istamperija tal-Gvern

# WERREJ


**Daħla mill-Ministru** 7

**01** L-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tad-Droga 9

**02** Il-Liġijiet dwar id-Droga u r-Reati Kontra l-Liġi dwar id-Droga 11

**03** L-Użu Problematiku tad-Droga 19

**04** Il-Ħsara Kkawżata mid-Droga 31

**05** Il-Previżjoni 35

**06** It-Trattament 41

# Awturi u Kontributuri

## Awturi (F'ordni alfabetika)

Manuel Gellel
Roberta Gellel
Richard Muscat
Alessia Pulis

## Disinn Grafiku

Roberta Gellel

## Kontributuri (F'ordni alfabetika)

| | |
|---|---|
| Sharon Arpa | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali |
| Joshua Aquilina | Caritas Malta |
| Ronald Balzan | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali |
| Jeffrey Bonnici | L-Isptar Mater Dei, It-Taqsima tat-Tossikoloġija |
| Eleonor Borg | Caritas Malta |
| Stephania Calafato | Il-Qrati tal-Ġustizzja |
| Maria Theresa Camilleri | It-Taqsimiet tad-Dijanjosi Doppja |
| Mariella Camilleri | L-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi |
| Moses Camilleri | It-Taqsima tas-Sedqa tal-Outpatients għall-Użu Ħażin tas-Sustanzi |
| Joe Caruana | It-Taqsima tas-Sedqa tal-Outpatients għall-Użu Ħażin tas-Sustanzi |
| Alistair Chetcuti | It-Taqsima tad-Dijanjosi Doppja tal-Irġiel |
| Charlene Ann Ciantar | Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, L-Iskwadra ta' Kontra d-Droga |
| Graziella Cutajar | Il-Fondazzjoni OASI |
| Raymond Cutajar | Kura tas-Saħħa Primarja |
| Maria Ellul Desira | Caritas Malta |
| Alexandra Distefano | Id-Dipartiment għall-Politika fis-Saħħa |
| Kathleen England | L-Isptar Mater Dei, It-Taqsima tat-Tossikoloġija |
| Anthony Gatt | Caritas Malta |
| Sandro Gatt | Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, L-Iskwadra ta' Kontra d-Droga |
| Jareth Grima | Is-Sedqa: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Abbuż tad-Droga u l-Alkoħol |
| Alfred Grixti | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali |
| Marshal Mallia | Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, L-Iskwadra ta' Kontra d-Droga |
| Christine Marchand Agius | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali |
| Daniel Mercieca | Caritas Malta |
| Claire Micallef | Il-Fondazzjoni OASI |
| Mike Orland | Is-Sedqa: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Abbuż tad-Droga u l-Alkoħol |
| Nathalie Saccasan | Servizzi ta' Probation |
| Antoine Saliba | Servizz ta' Kontra l-Abbuż mis-Sustanzi |
| Godwin Sammut | Il-Laboratorju u t-Taqsima tat-Tossikoloġija tal-Analiżi Forensika, Università ta' Malta |
| Charles Scerri | Is-Sedqa: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Abbuż tad-Droga u l-Alkoħol |
| Sarah Schembri | Il-Laboratorju u t-Taqsima tat-Tossikoloġija tal-Analiżi Forensika, Universita ta' Malta |
| Vicky Scicluna | Il-Kummissarju għall-Ġustizzja |
| Miriam Sevasta | Servizzi ta' Probation |
| Dorianne Tabone | Is-Sedqa: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Abbuż tad-Droga u l-Alkoħol |
| Anna Vella | It-Taqsima tas-Sedqa tal-Outpatients għall-Użu Ħażin tas-Sustanzi |
| Mario Vella | Kura tas-Saħħa Primarja |
| Noel Xerri | Il-Fondazzjoni OASI |

## Lista ta' Figuri

Figura 2.0: Numru totali ta' każijiet imressqa l-qorti 2017-2022
Figura 2.1: Numru totali ta' każijiet imressqa l-qorti skont il-pussess u t-traffikar 2017-2022
Figura 2.2: Numru totali ta' każijiet imressqa l-qorti skont it-tip ta' droga 2017-2022
Figura 2.3: Każijiet imressqa l-qorti relatati mat-traffikar skont it-tip ta' droga 2017-2022
Figura 2.4: Każijiet imressqa l-qorti relatati mal-pussess skont it-tip ta' droga 2017-2022
Figura 2.5: Individwi ta' Probation u Liberazzjoni Taħt Kondizzjoni skont it-tip ta' droga 2020-2022
Figura 2.6: Il-livelli medji ta' purità skont it-tip ta' droga 2017-2022
Figura 3.0: Numru totali ta' siringi distribwiti bejn 1994-2022
Figura 3.1: L-individwi kollha ttrattati skont id-droga primarja 2022
Figura 3.2: Individwi ttrattati preċedentement skont id-droga primarja 2022
Figura 3.3: Individwi ttrattati għall-ewwel darba skont id-droga primarja 2022
Figura 3.4: L-Eroina bħala d-Droga Primarja skont il-frekwenza tal-użu 2022
Figura 3.5: L-Eroina bħala d-Droga Primarja skont ir-rotta ta' amministrazzjoni 2022
Figura 3.6: L-Eroina bħala d-Droga Primarja skont id-droga sekondarja 2022
Figura 3.7: Il-Kokaina bħala d-Droga Primarja skont il-frekwenza tal-użu 2022
Figura 3.8: Il-Kokaina bħala d-Droga Primarja skont ir-rotta ta' amministrazzjoni 2022
Figura 3.9: Il-Kokaina bħala d-Droga Primarja skont id-droga sekondarja 2022
Figura 3.10: Il-Kannabis bħala d-Droga Primarja skont il-frekwenza tal-użu 2022
Figura 3.11: Il-Kannabis bħala d-Droga Primarja skont id-droga sekondarja 2022
Figura 4.0: Emerġenzi relatati mad-droga skont it-tip ta' droga 2017-2022
Figura 4.1: Entraturi fl-emerġenza li ddaħħlu f'servizzi mediċi oħra
Figura 4.2 Entraturi fl-emerġenza li ddaħħlu f'servizzi psikjatriċi
Figura 4.3: L-Evoluzzjoni ta' Mwiet 1997-2022
Figura 6.0: Il-Kokaina bħala d-droga primarja skont in-numru ta' dawk li rċevew it-trattament għall-ewwel darba 2017-2022
Figura 6.1: Il-proporzjon tal-Eroina u l-Kokaina mill-individwi ttrattati kollha 2017-2022
Figura 6.2: Id-distribuzzjoni tal-età skont id-droga primarja 2022
Figura 6.3: Id-distribuzzjoni tal-utenti tas-servizz skont ir-reġjun 2022

## Lista ta' Tabelli

Tabella 1.0: Il-Proċess tal-Politika
Tabella 2.0: Lista ta' każijiet tat-Tribunal 2017-2022
Tabella 2.1: Il-kwantità u n-numru ta' każijiet ta' qbid 2022
Tabella 6.0: Individwi li qed jirċievu trattament 2017-2022
Tabella 6.1: Utenti tas-servizz skont ir-reġjun 2020 u 2022
Tabella 6.2: Sorsi ta' riferiment lil Tal-Ibwar 2022

# Daħla mill-Ministru

Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.



Dan l-aħħar Rapport Nazzjonali dwar Is-Sitwazzjoni tad-Droga u Risponsi Għaliha f'Malta qed jiġi maħruġ wara l-pandemija tal-COVID, kif ukoll waqt it-taqlib li nqala' f'reġjuni mifnija mill-gwerra. Dan il-kuntest kellu impatt fuq il-mod li bihom l-organizzazzjonijiet internazzjonali setgħu jiffokaw fuq iż-żieda dinjija fl-użu tad-droga u l-konsegwenzi li jirriżultaw minħabba f'hekk. Is-sena d-dieħla ser naraw il-korp tan-NU responsabbli mill-affarijiet tad-droga, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), torganizza segment Ministerjali għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu dwar ir-risponsi għal dawn iż-żidiet. Malta se tieħu sehem wkoll, għall-ewwel darba, fil-Bureau tas-CND, minn Jannar 2024, wara l-elezzjoni tagħha għas-CND f'April.

F'dan l-isfond, il-kuntest nazzjonali ġie affettwat minn avvenimenti f'postijiet oħra; però minkejja dan kollu t-tweġibiet fis-seħħ biex l-ewwel nett titnaqqas id-disponibbiltà u jiġi prevenut l-użu tad-droga, u jiġu trattati dawk b'użu problematiku tad-droga, xorta għamlu avvanzi f›ċerti livelli.

Meta nħarsu lejn in-naħa tal-ekwazzjoni li tirrigwarda l-provvista, in-numru ta' każijiet imressqa il-qorti għal traffikar tad-droga kien konsistenti ta' madwar 100 każ għal dawn l-aħħar ħames snin; billi l-każijiet mressqa fuq pussess niżel b'mod drammatiku minn 623 fl-2017, għal 31 is-sena li għaddiet. Dan it-tnaqqis huwa r-riżultat ta' politika apposta sabiex persuni li jużaw id-droga ma jiġux trattati bħala kriminali, iżda bħala persuni li jeħtieġu l-għajnuna għall-problema tagħhom. Dan qed ikompli jiġi enfasizzat fit-tnedija reċenti tal-politika l-ġdida dwar id-droga f'Ġunju li għadda, fejn servizzi low threshold għandhom jidħlu fis-seħħ biex jaqdu aħjar lill-individwi fil-bżonn.

In-naħa l-oħra tal-ekwazzjoni, dik tad-domanda, għal numru ta' snin enfasizzat iż-żieda fl-użu tal-kokaina, u għalhekk in-numru ta' persuni li qed jersqu għat-trattament għal użu ta' din, issa huma fil-maġġoranza. Barra minn hekk, jidher ukoll li l-użu tal-kokaina crack issa ħareġ fuq quddiem u huwa daqs dak tal-kokaina. Kif deskritt hawn fuq, bil-politika l-ġdida dwar id-droga fis-seħħ, dan għandu jiġi ttrattat b'interventi ta' prevenzjoni effettivi bit-twaqqif tal-Korp ta' Prevenzjoni, kif ukoll il-Korp tal-Infurzar tal-Liġi.

Fir-rigward tal-użu tal-kannabis, wara l-bidla fil-liġi f'Diċembru 2021, dan għadu ma jidhirx fir-rigward ta' parteċipanti ġodda fit-trattament, iżda jidher li ser issegwi l-kokaina, fir-rigward tal-indikaturi tal-provvista u tkun ugwali għal dik tal-kokaina fir-rigward tad-dħul t'emerġenza fl-isptar. Dan fih innifsu huwa ta' tħassib u jissuġġerixxi żieda fl-utenti ġodda, peress li dawk li jagħmlu għall-ewwel darba mill-kannabis u mhumiex konxji mill-effetti tagħha, setgħu kienu suxxettibbli għal attakki ta' paniku u l-konsegwenzi kardjovaskulari li jirriżultaw, u għalhekk ħtieġu trattament t'emerġenza.

Fortunatament, l-użu tal-eroina qed jonqos, peress li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi juru jew tnaqqis jew żammew l-istess livell baxx tas-sena preċedenti. Dan huwa riżultat inkoraġġanti, għaliex l-eroina hija meqjusa bħala l-aktar sustanza ta' ħsara mid-drogi kollha peress li hija tista' tkun l-aktar letali. L-introduzzjoni futura tal-buprenorfina għandha tipprovdi wkoll riżultati aħjar għal dawk bi problema tal-użu tal-opjojdi. Bl-istess mod, l-użu tan-Narcan issa għandu jipprevjeni t-telf diżastruż ta' ħajja minħabba doża eċċessiva t'eroina. Għal darb'oħra, dawn l-inizjattivi jingħataw aktar prominenza fil-politika ġdida dwar id-droga, riżultat tal-monitoraġġ b'suċċess li nkiseb hawn matul is-snin.

Sar ħafna, iżda jeħtieġ li jsir aktar.

# 01 L-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tad-Droga



## Qafas Leġiżlattiv

Il-korp ewlieni responsabbli għall-kwistjonijiet relatati mal-politika dwar id-droga f'Malta huwa l-Bord Konsultattiv Nazzjonali dwar id-Dipendenza fuq id-Droga. Il-Bord Konsultattiv huwa struttura integrali fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. L-għaxar membri tal-Bord Konsultattiv huma esperti indipendenti maħtura mill-Ministru. L-esperti jiġu minn varjetà ta' dixxiplini differenti li jinkludu l-liġi, l-istudji taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni, il-psikoloġija klinika, il-psikjatrija, l-epidemjoloġija u n-newroxjenza. It-Taqsima ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għad-Droga u l-Alkoħol, li hija wkoll parti mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, hija responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar id-Droga, filwaqt li l-mandat ewlieni tal-Punt Fokali Nazzjonali għad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga huwa dak tal-monitoraġġ tas-sitwazzjoni u tar-reazzjonijiet, inkluża l-effettività tal-azzjonijiet imdaħħla fis-seħħ bħala riżultat tal-Politika Nazzjonali dwar id-Droga. Il-Punt Fokali Nazzjonali huwa meħtieġ ukoll jirrapporta fuq bażi annwali liċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) dwar is-sitwazzjoni tad-droga u r-reazzjonijiet għad-droga mdaħħla fis-seħħ f'Malta.

## Il-Politika Nazzjonali dwar id-Droga (2023-2033)

Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal nieda t-tieni Politika Nazzjonali dwar id-Droga (2023-2033) fil-Jum tad-Droga tan-Nazzjonijiet Uniti, nhar is-26 ta' Ġunju 2023. Il-politika l-ġdida tibni fuq il-pilastri stabbiliti fl-ewwel Politika Nazzjonali dwar id-Droga tal-2008 filwaqt li tindirizza wkoll il-ħtiġijiet emerġenti u l-isfidi relatati mas-sittwazzjoni attwali tad-droga f'Malta. Il-politika tkompli tindirizza t-tnaqqis tal-provvista, it-tnaqqis tad-domanda u l-Qafas Ġudizzjarju ta' Malta. Issir enfasi speċjali fuq il-ġlieda kontra l-avvanzi tas-suq illeċitu tad-droga billi tiġi indirizzata l-evoluzzjoni ta' rotot ġodda tat-traffikar tad-droga u metodi ġodda ta' distribuzzjoni. Il-Politika tindirizza wkoll il-ħtieġa li jkomplu jittejbu s-servizzi relatati mal-prevenzjoni tal-użu tas-sustanzi u t-trattament ta' individwi li jużaw id-droga. Il-politika tintroduċi wkoll miżuri ġodda li jindirizzaw it-tnaqqis tal-ħsara, f'konformità mal-pożizzjoni komuni meħuda mill-Istati Membri tal-UE u mill-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi sabiex tiġi promossa l-introduzzjoni ta' miżuri tat-tnaqqis tal-ħsara li għandhom l-għan li jimminimizzaw il-ħsara kkawżata mill-użu tas-sustanzi. Issir enfasi wkoll fuq l-adozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fl-interazzjonijiet tagħna mal-utenti tas-sustanzi u l-iżgurar tal-integrazzjoni ta' persuni li jużaw id-drogi fis-soċjetà tagħna u l-prevenzjoni tal-istigma. Miżura waħda bħal din hija l-proposta li jiġu introdotti servizzi b'limitu baxx. Il-politika tinkludi azzjonijiet ta' politika li jitolbu l-provvista ta' aċċess għall-kura u d-dinjità tal-bniedem, f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja (UE) (Il-Politika Nazzjonali dwar id-Droga, 2023-2033, p:20). Il-politika tipproponi l-għoti ta' taħriġ lill-professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-użu tas-sustanzi u anke professjonisti oħra li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' dawn l-individwi fit-twettiq minn jum għall-ieħor tal-ħidma tagħhom. Il-politika tipproponi l-introduzzjoni ta' moduli ta' taħriġ dwar l-imġiba ta' dipendenza għal korsijiet relatati mal-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-ħidma soċjali, il-professjonijiet mediċi, il-psikoliġija u l-psikoterapija u professjonijiet relatati oħra. Tali miżuri għandhom l-għan li jkomplu l-isforzi tal-gvern biex jikkonsolida l-approċċ olistiku adottat fi snin riċenti biex jiġi indirizzat l-użu tas-sustanzi f'Malta.




Tabella 1.0: Il-Proċess tal-Politika

# 02 Il-Liġijiet dwar id-Droga u r-Reati Kontra l-Liġi dwar id-Droga



## 2.0 IL-KUNTEST LEGALI

Il-partijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni li jindirizzaw l-użu tas-sustanzi f'Malta huma l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Medical and Kindred Professions Ordinance) tal-1901 (Kap. 31) u aġġornamenti, li jirrigwardaw id-drogi psikotropiċi, u l-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi (Dangerous Drugs Ordinance) tal-1939 (Kap. 101) u aġġornamenti bħal dawk fl-2005 dwar il-preskrizzjoni tal-methadone u l-att l-aktar riċenti, l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) tal-2014 (Kap. 537), li jirrigwardaw id-drogi narkotiċi. Id-data dwar ir-reati kontra l-liġi dwar id-droga (DLO) hija l-bażi għall-monitoraġġ ta' reati relatati mad-droga u hija wkoll kejl tal-attività tal-infurzar tal-liġi u tad-dinamika tas-suq tad-droga; jistgħu jintużaw biex jinfurmaw il-politiki dwar l-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar id-droga u biex jittejbu strateġiji.

L-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) tal-2014 (Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta) iddaħħal fis-seħħ f'April tal-2015. Permezz ta' dan l-Att, il-pussess tad-droga għall-użu personali f'ammonti stipulati mhuwiex reat kriminali u għaldaqstant huwa soġġett għal arranġamenti amminstrattivi oħra bħal dawk determinati mill-Kummissarju għall-Ġustizzja barra mill-qrati tal-liġi. B'mod speċifiku, il-liġi tistipula li, il-pussess għall-użu personali ta' mhux aktar minn 2g jew żewġ pilloli ta' kwalunkwe droga oħra għajr il-kannabis, irrispettivament mill-purità, huwa reat punibbli b'multa skont it-tip ta' droga. Fil-każ tat-tieni reat għall-pussess għall-użu personali ta' droga oħra għajr il-kannabis f'perjodu ta' sentejn, il-persuna tiġi mitluba tattendi quddiem il-Bord għar-Riabilitazzjoni tat-Trasgressuri tad-Droga (Drug Offenders Rehabilitation Board) fejn issir valutazzjoni tas-sitwazzjoni bil-għan li dik il-persuna tiġi megħjuna bil-problema tad-droga tagħha u jekk tkun dipendenti fuq id-droga. Fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kummissarju għall-Ġustizzja jew mill-Bord għar-Riabilitazzjoni tat-Trasgressuri tad-Droga, il-persuna għandha tiġi mħarrka sabiex tidher quddiem Qorti tad-Droga, f'konformità mal-Att. Dan l-att jiddependi wkoll fuq partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni. Il-pussess ta' aktar mill-ammonti stipulati għadu reat kriminali u l-każ jitressaq quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta.

F'Marzu tal-2021, ġie ppreżentat white paper dwar l-użu responsabbli tal-kannabis. Wara konsultazzjoni wiesgħa dwar il-white paper, f'Diċembru 2021 għaddiet liġi ġdida għat-twaqqif tal-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (Kapitolu 628 tal-Liġijiet ta' Malta). L-Awtorità hija responsabbli biex timmonitorja u tirregola assoċjazzjonijiet tal-kannabis skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi l-ġdida. L-Awtorità hija responsabbli wkoll biex tipproduċi riċerka relatata mal-monitoraġġ tar-regolamenti tal-liġi u biex tipproduċi rappurtar adegwat dwar il-progress u l-eżiti tal-liġi l-ġdida.

Barra minn hekk, il-Kapitolu 537 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Att ta' Priġunerija), ġie emendat ukoll biex jiġu rregolati l-użu u d-distribuzzjoni tal-kannabis f'Malta. Il-liġi l-ġdida tiddikjara li l-assoċjazzjonijiet awtorizzati tal-kannabis issa se jkun jista' jkollhom massimu ta' 500 membru rreġistrat u jfornu l-kannabis f'qafas mingħajr skop ta' qligħ. Kull membru jista' jiġi fornut b'mhux aktar minn 7g kuljum, b'limitu ta' 50g fix-xahar mill-organizzazzjoni. Residenti ta' Malta biss jistgħu jirreġistraw mal-organizzazzjonijiet tal-kannabis. Barra minn hekk, individwi jistgħu jżommu fuqhom mhux aktar minn 7g ta' kannabis fil-pubbliku mingħajr il-biża' ta' sanzjonijiet. Madankollu, l-użu tal-kannabis fil-pubbliku għadu mhuwiex permess. L-ammont jista' jiġi estiż sa 28g jekk jitqies li huwa għall-użu personali, iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi l-każ jiġi rreferut lill-Kummissarju għall-Ġustizzja f'konformità mal-Kapitolu 537. Il-liġi tiddikjara wkoll li l-individwi jistgħu jkabbru sa 4 pjanti tal-kannabis fid-dar tagħhom u jista' jkollhom sa 50g ta' prodott imnixxef fir-residenza tagħhom fi kwalunkwe mument partikolari. Dawn il-pjanti ma jistgħux ikunu viżibbli

għal terzi persuni. Il-minorenni mhux se jitħallew jirreġistraw bħala membri ta' assoċjazzjonijiet jew ikabbru/jużaw il-kannabis. Individwi li jużaw il-kannabis jistgħu jagħmlu dan biss fil-privatezza ta' darhom u 'l bogħod minn minorenni fid-dar u fi spazju mhux viżibbli għall-pubbliku. Bħala riżultat ta' dan l-Att, persuni li jużaw il-kannabis m'għadx għandhom għalfejn jibżgħu mill-prosekuzzjoni jew li jitħassar iċ-ċertfikat ta' kondotta tagħhom sakemm jużaw is-sustanza fil-parametri tal-liġi.

## 2.1 L-ISTATISTIKA TAL-PULIZIJA DWAR KAŻIJIET IMRESSQA L-QORTI U KAŻIJIET TA' QBID

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta jipprovdi statistika dwar Operazzjonijiet Nazzjonali ta' Infurzar relatati ma' reati kontra l-liġi dwar id-droga. F'din it-taqsima, qed tiġi ppreżentata statistika relatata man-numru totali ta' każijiet imressqa l-qorti għat-traffikar u/jew il-pussess tad-droga, u każijiet ta' qbid tad-droga f'Malta matul l-2022.

## 2.2 KAŻIJIET IMRESSQA L-QORTI

Fl-2022, kien hemm total ta' 140 każ imressaq il-qorti għal reati relatati mad-droga. Il-figura hawn taħt turi li għad hemm tendenza 'l isfel fin-numru ta' individwi mressqa l-qorti mill-2019. Dan jista' jkun parzjalment attribwit għall-fatt li mill-introduzzjoni tar-riforma tal-liġi dwar id-droga permezz tal-Kapitolu 537, tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija) fl-2015, il-każijiet relatati mal-pussess ta' ammonti żgħar ta' droga m'għadhomx jiġu pproċessati permezz tal-qrati kriminali iżda minflok huma pproċessati permezz tal-Kummissarju għall-Ġustizzja. Fil-fatt, iċ-ċifri rrappurtati għall-2022 juru tnaqqis ta' 45% mill-2021 (256 każ imressaq il-qorti) u tnaqqis ta' 47% mill-2020 (262 każ imressaq il-qorti). It-tnaqqis fil-każijiet kien ħafna aktar sinifikanti, bi tnaqqis ta' 68% meta mqabbel mal-2019 (434 każ imressaq il-qorti) u tnaqqis ta' 77% meta mqabbel mal-2018 (613 każ imressaq il-qorti).




Figura 2.0: Numru totali ta' każijiet imressqa l-Qorti 2017-2022

## 2.3 KAŻIJIET IMRESSQA L-QORTI SKONT IT-TIP TA' REAT

Meta n-numru ta' każijiet imressqa l-qorti ġie kkategorizzat skont it-tip ta' reat, instab li fl-2022 il-maġġoranza tal-każijiet (109) kienu għat-traffikar, filwaqt li l-bqija tal-każijiet (31) kienu għall-pussess. Madankollu, fl-2021, il-maġġoranza tal-każijiet (142) kienu għal reati ta' pussess, filwaqt li l-bqija tal-każijiet (114) kienu għal reati ta' traffikar. Ta' min wieħed jinnota wkoll li, matul dawn l-aħħar sitt snin, kien hemm tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' każijiet imressqa l-qorti għal reati ta' pussess filwaqt li dawk għat-traffikar baqgħu l-istess. It-tnaqqis fil-każijiet imressqa l-qorti għall-pussess jista' jkun parzjalment minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 matul is-snin ta' intervent. Kif iddikjarat hawn fuq ukoll, l-implimentazzjoni tal-Att dwar it-Trattament Mhux Priġunerija tal-2015, u l-emendi li saru fl-2021 jista' jkollhom ukoll impatt li jirriżulta f'dawn ix-xejriet li qed jinbidlu.




Figura 2.1: Numru totali ta' każijiet imressqa l-qorti skont il-pussess u t-traffikar 2017-2022

## 2.4 KAŻIJIET IMRESSQA L-QORTI SKONT IT-TIP TA' DROGA

Il-figura hawn taħt turi l-każijiet imressqa l-qorti matul dawn l-aħħar sitt snin skont it-tip ta' sustanza. Il-Kokaina rrappreżentat il-maġġoranza tal-każijiet imressqa l-qorti fl-2022, b'77 każ imressaq il-qorti, li jirrifletti żieda minn 66 każ imressaq il-qorti fl-2021. Meta mqabbla mal-2020, id-data għall-2022 turi tnaqqis ta' 23% minn 100 każ il-qorti. Meta mqabbla mal-2019, ġie rreġistrat tnaqqis ta' 33% (115 każ il-qorti). In-numru ta' każijiet imressqa l-qorti naqas b'59% meta mqabbel mal-2018 (188 każ il-qorti) u tnaqqis ta' 68% (243 każ imressaq il-qorti) fl-2017.




Figura 2.2: Numru totali ta' każijiet imressqa l-qorti skont it-tip ta' droga 2017-2022

B'paragun ma' dan, il-kannabis wriet tnaqqis sostanzjali fil-każijiet imressqa l-qorti relatati mad-droga, b'259 każ imressaq il-qorti fl-2017 li naqsu għal 43 każ imressaq il-qorti fl-2022. It-tnaqqis sostanzjali fil-każijiet imressqa l-qorti li jappartjenu għall-kannabis jista' jkun ir-riżultat dirett tad-dħul fis-seħħ f'Diċembru tal-2021 tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, li tirregola l-użu u d-distribuzzjoni tal-kannabis.

L-istess tendenza tidher fid-data li tappartjeni għall-każijiet imressqa l-qorti għall-Ekstasi, li naqsu minn 59 każ imressaq il-qorti fl-2018 għal 32 każ imressaq il-qorti fl-2019, u tnaqqis sinifikanti fl-2020 bi 3 każijiet imressqa l-qorti u każ wieħed biss imressaq il-qorti fl-2021 u fl-2022 rispettivament.

Fl-2022, in-numru ta' każijiet imressqa l-qorti relatati mal-eroina naqqsu b'mod sostanzjali għal 5 każijiet imressqa l-qorti, meta mqabbla mal-34 każ imressaq il-qorti rrappurtati fl-2021, fejn ġiet irrappurtata żieda minn 18-il każ imressaq il-qorti fl-2020. Fl-2019 u l-2018, każijiet imressqa l-qorti relatati mal-eroina ammontaw għal 9 u 10 rispettivament, filwaqt li fl-2017 kien hemm 40 każ imressaq il-qorti.




Figura 2.3: Każijiet Imressqa l-Qorti Relatati mat-Traffikar skont it-Tip ta' Droga 2017-2022




Figura 2.4: Każijiet Imressqa l-Qorti Relatati mal-Pussess skont it-Tip ta' Droga -2017-2022

## 2.5 KAŻIJIET TAT-TRIBUNAL: REATI SKONT IT-TIP TA' SUSTANZA

Matul il-perjodu minn meta t-tribunal beda jipproċessa każijiet ta' pussess fl-2015 sa Diċembru 2021, it-tribunal kien ipproċessa total ta' 3,822 każ. Il-maġġoranza tal-każijiet ipproċessati kienu għall-pussess tal-kannabis li ammontaw għal total ta' madwar 2,235 każ, fosthom 1,592 każ kienu għall-pussess tal-ħaxixa tal-kannabis u 643 għall-pussess tar-raża tal-kannabis. Każijiet li dehru quddiem it-tribunal għall-pussess tal-kokaina ammontaw għal 989 każ, filwaqt li 234 każ kienu għall-pussess tal-Ekstasi (MDMA). Każijiet relatati mal-pussess tal-eroina ammontaw għal 220. Każijiet relatati ma' sustanzi oħra ammontaw għal 144 fejn il-maġġoranza tal-individwi li dehru quddiem it-tribunal kienu residenti Maltin; dawn ammontaw għal 2,614 (68%) mit-total ta' 3,822, filwaqt li l-1,186 (32%) l-oħra kienu ċittadini barranin.

## 2.6 EŻITI TAT-TRIBUNAL

| Penali | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Grafika |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dawk li Tħallsu | 553 | 399 | 631 | 204 | 207 | 79 | |
| Ħlasijiet Pendenti lit-Tribunal | 141 | 186 | 166 | 77 | 131 | 68 | |
| Każijiet Li Ma Nstabux Ħatja (Xejn Dovut) | 2 | 13 | 16 | 4 | 2 | 4 | |
| Il-Ġustizzja Pendenti | 0 | 0 | 0 | 1 | 13 | 14 | |
| **Total** | **696** | **598** | **813** | **286** | **353** | **165** | |

Tabella 2.0: Lista ta' każijiet tat-Tribunal 2017-2022

Mid-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat l-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) fl-2015, in-numru ta' individwi li dehru quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja għal pussess ammontaw għal 135 każ fl-2015, li żdiedu għal 779 każ fl-2016. Fl-2017, kien hemm tnaqqis żgħir fil-każijiet għal 696, filwaqt li ġie rappurtat aktar tnaqqis fil-każijiet għal 598 każ fl-2018. Min-naħa l-oħra, fl-2019, in-numru ta' każijiet li dehru quddiem it-tribunal kien żdied għal 813. Fl-2020, in-numru ta' każijiet naqas għal 286, filwaqt li fl-2021 it-total ta' każijiet ammonta għal 353. Meta mqabbla mas-snin preċedenti, is-sena 2022 rrreġistrat l-akbar tnaqqis mill-2015, b'165 każ biss. Għal darb'oħra, hemm il-possibbiltà li dawn iċ-ċifri huma riflessjoni tal-bidla riċenti fil-liġi billi issa, individwi fil-pussess ta' ammonti żgħar ta' kannabis mhumiex soġġeetti għal kwalunkwe sanzjoni kriminali jew amministrattiva. Barra minn hekk, is-snin affettwati mill-COVID-19 setgħu affettwaw ukoll ix-tendenza 'l isfel fil-każijiet ipproċessati.

## 2.7 PROBATION U LIBERAZZJONI TAĦT KONDIZZJONI

Id-data rrappurtata mid-Dipartiment għall-Probation u l-Liberazzjoni taħt Kondizzjoni, turi li fl-2022, kien hemm total ta' 465 klijent irreġistrati fi ħdan is-servizz. Il-maġġoranza vasta ta' dawn il-klijenti, jiġifieri 406 individwu (87%) kienu rġiel u l-59 (13%) l-oħra kienu nisa. Il-kokaina kienet id-droga primarja tal-għażla għall-maġġoranza tal-individwi, b'total ta' 256 individwu (55%). Dan kien segwit minn 113 individwu (24%) li rrappurtaw il-kannabis bħala d-droga primarja tagħhom filwaqt li 79 individwu oħra (17%) ġew irrappurtati li jużaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom. 17-il individwu oħra (4%) fi ħdan is-servizz ġew irreġistrati bħala li jużaw sustanzi sintetiċi bħala d-droga primarja tagħhom.




Figura 2.5: Individwi fuq Probation u Liberazzjoni Taħt Kondizzjoni skont it-Tip ta' Droga 2020-2022

## 2.8 IL-QBID TAD-DROGA

It-tabella t'hawn taħt turi n-numru ta' każijiet ta' qbid tad-droga f'Malta għas-sena 2022. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-qbid tad-droga jinkludi kemm il-qbid tad-droga maħsuba għas-suq lokali kif ukoll il-qbid tad-droga li tgħaddi minn Malta.

| Tip ta' Droga | Kwantità | Għadd ta' qbid | Traffikar | Pussess | N/A |
|---|---|---|---|---|---|
| Ħaxixa tal-Kannabis | 156.67889 kg | 42 | 26 | 9 | 7 |
| Kokaina | 2970.48355 kg | 57 | 37 | 11 | 9 |
| Eroina | 19.58867 kg | 15 | 7 | 8 | 0 |
| Raża tal-Kannabis | 156.67889 kg | 3 | 2 | 1 | 0 |
| Żerriegħa | 5 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| Pjanti tal-Kannabis | 70 | 5 | 0 | 5 | 0 |
| Sintetika skedata | 2.54788 kg | 2 | 0 | 0 | 2 |
| Kokaina Crack | 0.93378 kg | 5 | 4 | 1 | 0 |
| Faqqiegħ alluċinoġeniku | 0.13 kg | 4 | 0 | 0 | 4 |
| Ekstasi | 10 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| LSD | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| Amfetamina | 0.13695 kg | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Khat | 17.5 kg | 3 | 2 | 1 | 0 |
| Ketamina | 0.0005 kg | 1 | 0 | 1 | 0 |
| N/a tfisser jew li l-każ mhuwiex determinat jew l-akkuża ma tikklassifikax taħt traffikar jew pussess | | | | | |

Tabella 2.1: Il-kwantità u n-numru ta' każijiet ta' qbid 2022

## 2.9 PURITÀ/POTENZA

Il-purità medja fuq il-livell tat-triq tal-eroina fl-2022 kienet 25%, 6% ogħla minn dawk tal-2021 (19%), u 4% ogħla minn dawk tal-2020 (21%). Il-livell ta' purità medja tal-kokaina żdied għal 51% fl-2022, li juri żieda ħafifa meta mqabbel mal-48% irrappurtati fl-2021 u żieda sostanzjali mill-purità ta' 28% irrappurtata fl-2020. Dan, madankollu, jista' jkun dovut għal qabdiet kbar ta' kokaina fil-Port Ħieles ta' Malta li jistgħu jaffettwaw il-livell ta' purità billi s-sustanzi maqbuda f'operazzjonijiet bħal dawn normalment ikunu ta' potenza qawwija u ma jkunux ta' purità fuq il-livell tat-triq. Il-potenza tal-kannabis fl-2022 ġiet irrappurtata bħala medja ta' kontenut ta' THC ta' 11% kemm għar-raża tal-kannabis kif ukoll għall-kannabis erbali, l-istess bħal fl-2021. Il-livell ta' THC tal-kannabis kien ilu jiżdied għal għadd ta' snin, li mbagħad ġie segwit minn tnaqqis żgħir fl-2015 u l-2016 meta l-potenza fil-livell tat-triq kienet ta' 7%. Fl-2017, il-potenza tar-raża tal-kannabis kienet żdiedet għal 8.5% tal-kontenut ta' THC. L-aktar żieda sinifikanti ġiet irreġistrata fl-2018 b'potenza li laħqet medja ta' 15%. Madakollu, fl-2019 u l-2020, kien hemm tnaqqis ta' 3% u f'dawn is-sentejn ġie rrappurtat kontentut ta' THC ta' 12%. Il-kontenut ta' THC tal-ħaxixa tal-kannabis kien irrappurtat bħala 7% fl-2016, 8% fl-2017 u żdied ukoll għal 15% fl-2018, filwaqt li l-purità fl-2019 u l-2020 naqset ftit għal 12%. Il-potenza naqset għal 11% fl-2021 u l-2022 tkompli turi tendenza 'l isfel gradwali fil-livelli tal-potenza kemm tar-raża tal-kannabis kif ukoll tal-ħaxixa tal-kannabis.




Figura 2.6: Il-livelli medji ta' purità skont it-tip ta' droga 2017-2022



# 03 L-Użu Problematiku tad-Droga

## 3.0 L-UŻU TAD-DROGA B'RISKJU GĦOLI

Ir-rappurtar ta' stimi tal-użu tad-droga b'riskju għoli huwa eżerċizzju importanti li jipprovdi stampa aktar ċara għal fehim aktar profond tax-xejriet problematiċi tal-użu tas-sustanzi f'Malta. Fl-2022, ix-xejriet komplew juru li l-maġġoranza vasta tal-individwi li applikaw biex jirċievu t-trattament, għamlu dan primarjament għall-użu tagħhom tal-kokaina jew tal-eroina, u għalhekk stimi tal-użu tal-eroina b'riskju għoli u tal-kokaina b'riskju għoli huma pprovduti f'dan il-kapitolu. Din id-data hija ppreżentata fis-sezzjonijiet rispettivi relattivi f'dan il-kapitolu ddedikati għall-użu tal-kokaina u tal-eroina. Barra minn hekk, id-data relatata ma' dawk li japplikaw biex jidħlu f'ċentri ta' trattament speċjalizzati għad-droga, b'enfasi partikolari fuq id-data relatata ma' dawk li japplikaw biex jirċievu t-trattament għall-ewwel darba, hija ppreżentata biex tappoġġja fehim aħjar tax-xejriet emerġenti fl-użu ġenerali tad-droga u fl-użu tad-droga b'riskju għoli fost dawk li qed jirċievu t-trattament.

## 3.1 ID-DISTRIBUZZJONI TAS-SIRINGI F'MALTA

Għal ħafna snin, Malta pprovdiet sistema ta' distribuzzjoni tas-siringi u tal-labar mingħajr ħlas. Tali servizz jingħata minn seba' ċentri tas-saħħa maħtura u mifruxa madwar Malta u Għawdex, bil-għan li jintlaħqu l-persuni kollha li jeħtieġu dawn is-servizzi fir-reġjuni kollha tal-pajjiż. Din il-miżura għandha l-għan li tnaqqas l-inċidenzi ta' individwi li jaqsmu s-siringi ma' oħrajn u l-parafernalja tad-droga jew l-użu ta' labar kontaminati/maħmuġa bil-għan li tiġi minimizzata mġiba riskjuża li tista' tikkontribwixxi għat-tixrid tal-mard u ta' infezzjonijiet li jiġu trażmessi mid-demm fost persuni li jinjettaw id-droga.

Fl-2022, iċ-ċentri tas-saħħa madwar il-pajjiż qassmu madwar 76,666 siringa. Din iċ-ċifra turi tnaqqis sostanzjali ta' ftit aktar minn 28% meta mqabbla mas-sena preċedenti, l-2021, fejn tqassmu 106,276 siringa. Dawn iċ-ċifri jkomplu juru tnaqqis stabbli fuq iċ-ċifri rrappurtati mill-2017. Fil-fatt, in-numru ta' siringi mqassma fl-2022 naqas b'76% meta mqabbel mal-2017.




Figura 3.0: In-numru totali ta' siringi distribwiti bejn 1994-2022

## 3.2 ID-DROGA PRIMARJA[1]

Il-Figura 3.1 hawn taħt turi li mill-1,927 individwu li fittxew it-trattament fl-2022, l-eroina kienet id-droga primarja użata l-aktar fost l-individwi kollha ttrattati, li ammontaw għal 47% (908 individwu) tal-grupp. Dan kien segwit mill-kokaina 39% (750 individwu), u l-kannabis li ammonta għal 12% (233 individwu).




Figura 3.1: L-Individwi Kollha Ttrattati skont id-Droga Primarja 2022

Analiżi ulterjuri wriet li 76% (1,458 individwu) kienu diġà rċevew it-trattament qabel l-2022. L-Eroina kienet id-droga primarja tal-għażla għal 55% (798 individwu) tal-individwi ttrattati preċedentement. Dan huwa segwit mill-kokaina għal 34% (496 individwu) u l-kannabis għal 10% (151 individwu).




Figura 3.2: Individwi ttrattati preċedentement skont id-Droga Primarja 2022

[1] Droga primarja hija deskritta bħala s-sustanza li tikkawża l-aktar problemi għas-saħħa, legali, jew soċjali għall-individwu.

Fl-2022, in-numru ta' individwi li daħlu f'servizzi tat-trattament għad-droga għall-ewwel darba f'ħajjithom ammonta għal ftit aktar minn 24% (469 individwu). Fost l-individwi ta' dan il-grupp, il-kokaina kienet id-droga primarja tal-għażla għal 54%, kif muri fil-Figura 3.3 hawn taħt.




Figura 3.3: Individwi ttrattati għall-ewwel darba skont id-droga primarja 2022

Iċ-ċifri hawn fuq juru li bħalissa l-kokaina hija d-droga primarja l-aktar komuni fost l-utenti tas-servizz li applikaw biex jirċievu t-trattament għall-ewwel darba. Id-data turi wkoll li l-eroina bħala d-droga primarja tal-għażla fost dawk li applikaw għat-trattament għall-ewwel darba żdiedet b'9% għal 26% fl-2022 meta mqabbla mas-17% irrappurtati fl-2021. L-użu tal-kannabis fost individwi ttrattati għall-ewwel darba naqas b'mod konsiderevoli minn 28% fl-2021 għal 17% fl-2022. Kien hemm ukoll tnaqqis ta' 2% fl-użu ta' sustanzi oħra għal 3% mill-5% irrappurtati fl-2021.

## 3.3 APPLIKANTI GĦAT-TRATTAMENT GĦALL-EROINA

Id-data għall-applikanti għat-trattament għall-2022, tkompli turi li l-eroina għadha l-aktar droga primarja rrappurtata b'mod komuni fost dawk kollha li jirċievu t-trattament, u tirrappreżenta 48% tal-grupp (908 individwu). Madankollu, bl-istess mod bħax-xejriet fi snin riċenti, dan ikompli jonqos mill-50% irrappurtati fl-2021.

Total ta' 13% (119 individwu) mid-908 individwu rreġistrati bħala li applikaw għat-trattament primarjament minħabba l-użu tal-eroina ġew irrappurtati bħala każijiet ġodda. Dawn iċ-ċifri jindikaw żieda ta' 6% f'każijiet ġodda meta mqabbla mas-sena preċedenti (7%; 71 individuals). Din iż-żieda tista' tkun konsegwenza ta' varjetà ta' fatturi, li wieħed minnhom seta' kien il-pandemija tal-COVID-19 li setgħet kellha rwol sinifikanti f'din il-bidla.

Il-maġġoranza ta' persuni li fittxew it-trattament għall-eroina bħala d-droga primarja tal-għażla tagħhom kienu rġiel, u ammontaw għal 81% (636 individwu), filwaqt li n-nisa ammontaw għad-19% (153 individwu) l-oħra. L-età medjana ta' dawn l-individwi kienet ta' 43 sena.

L-età medjana tal-ewwel użu ta' kwalunkwe droga għal individwi li fittxew it-trattament għall-użu tal-eroina kienet 16-il sena. Id-data tinkludi wkoll il-fatt li l-utenti tal-eroina fittxew it-trattament 7 snin wara li użawha għall-ewwel darba. Total ta' 64% (576 individwu) ta' dawn l-individwi jew marru għat-trattament fuq inizjattiva tagħhom stess jew ġew irrakkomandati li jagħmlu dan minn membri tal-familja jew ħbieb.

94% (855 individwu) mill-individwi li jużaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom irrappurtaw li għandhom sitwazzjoni ta' akkomodazzjoni stabbli u l-biċċa l-kbira kienu jgħixu fir-reġjuni tal-Port tat-Tramuntana jew tan-Nofsinhar tal-gżira. Barra minn hekk, 40% (364 indivdiwu), irrappurtaw li kellhom impjieg regolari. F'termini ta' sfond edukattiv, 71% irrappurtaw li lestew l-edukazzjoni fil-livell tal-iskola sekondarja (647 individwu), filwaqt li 8% kienu kisbu livell ta' edukazzjoni għolja (74 individwu).

Il-maġġoranza vasta tal-individwi, jiġifieri 80% (729 individwu), irrappurtaw li rċevew trattament tal-agonist kontra l-opjojdi. Barra minn hekk, 7% (65 individwu) irrappurtaw li kellhom problema tal-użu ta' drogi differenti.[2]

## 3.4 FREKWENZA TAL-UŻU

Il-frekwenza tal-użu hija kkalkulata abbażi ta' kemm-il darba l-individwu uża l-eroina kull ġimgħa. Total ta' 78% (711 individwu) ta' dawk li indikaw li l-eroina kienet id-droga prinċipali tal-għażla tagħhom rrappurtaw l-użu tagħha kuljum. Dan juri tnaqqis meta mqabbel mal-2021, fejn 83% (825 individwu) tal-utenti tal-eroina kienu qed jużaw id-droga kuljum. Min-naħa l-oħra, ġiet irreġistrata żieda ta' 1% meta mqabbla mal-2020, jiġifieri 77% (844 individwu). Meta mqabbla mal-2019 ġiet irreġistrata żieda ta' 3%, jiġifieri 75% (846 individwu). Fl-analiżi tad-data dwar l-utenti tal-eroina li rrappurtaw li użaw id-droga bejn darbtejn u 3 darbiet fil-ġimgħa, ġiet irreġistrata rata relattivament stabbli ta' madwar 3% tul dawn l-aħħar erba' snin. Dan huwa simili għat-3% tal-utenti tal-eroina li qalu li użaw l-eroina darba fil-ġimgħa jew anqas matul l-2022. Il-Figura 3.4 turi li l-utenti tal-eroina li rrappurtaw li kienu jużaw id-droga bejn 4 u 6 darbiet fil-ġimgħa ammontaw għal 1%. Din ir-rata hija ftit anqas meta mqabbla mal-2021 (2%) u mal-2020 (3%).

L-utenti tal-eroina li rrappurtaw li ma użawx id-droga fl-aħħar 30 jum naqsu minn 14% (158 individwu) fl-2020 għal 8% (84 individwu) fl-2021, b'żieda sussegwenti lura għal 14% (130 individwu) fl-2022.




Figura 3.4: L-Eroina bħala d-droga primarja skont il-frekwenza tal-użu 2022

[2] Problema tal-użu ta' drogi differenti sseħħ meta l-klijent iqis żewġ drogi jew aktar bħala s-sors tal-problema u jkun diffiċli li jiġi ddeterminat liema hija d-droga primarja.

## 3.5 ROTTA TA' AMMINISTRAZZJONI[3]

Kien hemm 48% tal-individwi li rrappurtaw l-eroina bħala d-droga prinċipali tal-għażla tagħhom, li ddikjaraw li t-tipjip jew l-inalazzjoni tal-eroina kienu r-rotta ppreferuta tagħhom; dan juri żieda ta' 10% meta mqabbla mal-2021 (38%) u tnaqqis ta' 3% meta mqabbel mal-2020 (51%). Il-Figura 3.5 hawn taħt turi li dan kien segwit mill-injettar tal-eroina li ammonta għal 45%, li kien 8% inqas meta mqabbel mal-2021 (53%), filwaqt li l-figura turi żieda ta' 3% fuq l-2020 (42%). L-isniffjar tal-eroina ġie rrappurtat minn 7% tal-individwi, l-istess bħal fl-2021, u żieda ta' 1% meta mqabbla mal-2020 (6%).




Figura 3.5: L-Eroina bħala d-droga primarja skont ir-rotta ta' amministrazzjoni 2022

## 3.6 UŻU TA' SUSTANZA SEKONDARJA

Mid-908 individwu li rrappurtaw l-eroina bħala d-droga primarja tal-għażla tagħhom, 35% (319 indivdiwu) irrappurtaw li kienu jużaw il-kokaina bħala t-tieni droga ppreferuta tagħhom, żieda ta' 2% meta mqabbla mad-data tal-2021 (33%; 328 individwu), żieda ta' 4% meta mqabbla mad-data tal-2020 (31%; 344 individwu) u żieda ta' 6% meta mqabbla mad-data tal-2019 (29%; 318 individwu). Dawn iċ-ċifri jkomplu juru l-popolarità dejjem tiżdied tal-kokaina fost il-persuni li qed jiġu ttrattati f'Malta.

Kif jidher fil-Figura 3.6 hawn taħt, individwi li rrappurtaw il-kannabis bħala t-tieni droga ppreferuta tagħhom ammontaw għal 22% fl-2022, li juri tnaqqis ta' 3% mill-2021 (25%), tnaqqis ta' 4% meta mqabbel mal-2020 (25%), u tnaqqis ta' 5% mill-2019 (27%).

Min-naħa l-oħra, in-numru totali ta' individwi li ma rrappurtaw l-ebda droga sekondarja kien ta' 37%, żieda ta' 3% minn 34% fl-2021, u tnaqqis ta' 4% meta mqabbel mal-41% irrappurtati fl-2020. Is-6% (57 individwu) l-oħra rrappurtaw li użaw varjetà ta' sustanzi oħra matul l-2022.

[3] Ir-rotta ta' amministrazzjoni ta' droga tirreferi għal kif din tidħol fil-ġisem, bħal permezz ta' injezzjoni jew konsum mill-ħalq.




Figura 3.6: L-Eroina bħala d-droga primarja skont id-droga sekondarja 2022

## 3.7 UŻU PROBLEMATIKU TAL-EROINA

Fl-2022, kien hemm madwar 1,374 utent tal-opjojdi b'riskju għoli f'Malta. Id-data turi wkoll li 711 individwu kienu qed jirċievu t-trattament għall-użu tal-eroina kuljum. Dan jimplika li fost in-numru stmat ta' utenti tal-eroina kuljum, 52% qed jirċievu t-trattament (3.73 għal kull 1,000 ruħ tal-popolazzjoni bejn il-15 u l-64 sena).

## 3.8 APPLIKANTI GĦAT-TRATTAMENT GĦALL-KOKAINA

Il-kokaina hija t-tieni droga primarja użata l-aktar fost il-popolazzjoni totali ta' individwi li fittxew it-trattament wara l-eroina u l-użu tagħha baqa' jiżdied u laħaq 39% (750 individwi) fl-2022. Din ix-tendenza 'l fuq tindika li r-rata ta' individwi li applikaw għat-trattament primarjament għall-użu tal-kokaina żdiedet b'21% mill-2017 u sal-lum hija l-ogħla li qatt ġiet irreġistrata. Mis-750 utent tal-kokaina, 39% (290 individwu) irrappurtaw il-kokaina crack bħala d-droga li kkawżatilhom il-biċċa l-kbira tal-problemi tagħhom.

Kien hemm 34% (254 individwu) mis-750 individwu rreġistrati għall-użu tal-kokaina li kienu każijiet ġodda, li jirrappreżenta żieda ta' 3% mis-sena preċedenti (31%; 207 individwu). Filwaqt li l-ammont totali tal-utenti tal-kokaina żdied, in-numru ta' individwi ttrattati preċedentement żdied ukoll f'dawn l-aħħar 6 snin, li jindika li l-utenti tal-kokaina qed jibqgħu fit-trattament u għaldaqstant qed jiżdied in-numru totali ta' dawn l-utenti li qed jirċievu t-trattament.

Matul l-2022, il-maġġoranza ta' dawk li fittxew it-trattament għall-kokaina bħala d-droga primarja tal-għażla tagħhom kienu rġiel, u dan ikkostitwixxa 79% (591 individwu) min-numru totali tal-individwi, bl-individwi nisa jammontaw għall-21% (159 individwu) l-oħra. L-età medjana ta' dawn l-individwi kienet irrappurtata bħala 37 sena.

Id-data miġbura minn individwi li fittxew it-trattament għall-użu tal-kokaina turi li, l-età medjana meta dawn l-individwi bdew jużaw id-droga għall-ewwel darba kienet ta' 20 sena. Id-data żvelat ukoll li dawn l-individwi fittxew it-trattament għall-problema tad-droga tagħhom 10 snin wara li bdew jużawha għall-ewwel darba. Fost dawn l-individwi, 59% (442 individwu) jew marru għat-trattament fuq inizjattiva tagħhom stess jew ġew irrakkomandati li jagħmlu dan minn membri tal-familja jew ħbieb.

Il-maġġoranza tagħhom, jiġifieri 88% (657 individwu) irrappurtaw li għandhom sitwazzjoni ta' akkomodazzjoni stabbli. Madwar 31% (232 individwu) jgħixu fir-reġjun tal-Port tat-Tramuntana tal-gżira. 50% (376 individwi) irrappurtaw li kellhom impjieg regolari. Fir-rigward tal-livell edukattiv milħuq, 60% (450 individwu) irrappurtaw li kienu lestew l-edukazzjoni fil-livell tal-iskola sekondarja tagħhom u 15% kisbu livell ta' edukazzjoni għolja (115 individwu).

Total ta' 15% (112 individwu) tal-individwi li rrappurtaw l-użu tal-kokaina bħala s-sustanza primarja tagħhom kienu rreġistrati wkoll bħala li jirċievu t-trattament tal-agonist kontra l-opjojdi, li jindika li frazzjoni tal-individwi li jużaw il-kokaina jirċievu wkoll it-trattament għall-użu tal-opjojdi tagħhom. Iċ-ċifra rrappurtata għall-2021 kienet ta' 11%, li jindika li n-numru ta' individwi li użaw il-kokaina bħala d-droga primarja tagħhom filwaqt li rċevew ukoll OAT żdied b'4% fl-2022. Barra minn hekk, 12% (92 individwu) irrappurtaw li għandhom problema tal-użu ta' drogi differenti.

## 3.9 FREKWENZA TAL-UŻU

42% (312 individwu) minn dawk li qalu li l-kokaina kienet id-droga prinċipali tal-għażla tagħhom rrappurtaw li użaw is-sustanza kuljum. Dan jindika żieda fl-użu ta' kuljum fuq is-snin preċedenti b'35% (236 individwu) fl-2021, 38% fl-2020 (228 individwu) u 36% fl-2019 (182 individwu).
Iċ-ċifri għall-utenti tal-kokaina li rrappurtaw li użaw id-droga bejn 4 u 6 darbiet fil-ġimgħa baqgħu l-istess fl-2022 (14%; 102 individwu) meta mqabbla mal-2021 (14%; 94 individwu), tnaqqis ta' 1% kien irreġistrat meta mqabbel mal-2020 (15% jew 90 individwu), u tnaqqis ta' 5% meta mqabbel mal-2019 (19% jew 95 individwu).

Lanqas ma kien hemm bidla fil-perċentwal ta' utenti tal-kokaina li qalu li użaw il-kokaina darba fil-ġimgħa jew anqas meta mqabbla mal-2021 (2022, 13%; 97 individwu; 2021, 13%; 89 individwu). Madankollu, kien hemm żieda ta' 1% meta mqabbla mal-2020 (12%; 75 individwu) u tnaqqis ta' 2% meta mqabbel mal-2019 (15%; 75 individwu).

Min-naħa l-oħra, meta mqabbel mas-snin preċedenti, ġie rreġistrat tnaqqis fl-utenti tal-kokaina li rrappurtaw li użaw id-droga bejn darbtejn u 3 darbiet fil-ġimgħa fl-2020 għal 17% (125 individwu), meta mqabbel mal-2021 (23%), 23% (139 individwu) fl-2020, iżda xorta waħda ċifra ogħla mit-13% (65 individwu) irrappurtati fl-2019.




Figura 3.7: Il-Kokaina bħala d-droga primarja skont il-frekwenza tal-użu 2022

Fl-2022 14% tal-utenti tal-kokaina rrappurtaw li ma użawx id-droga fit-30 jum preċedenti, tnaqqis ta' 1% meta mqabbel mal-15% (99 individwu) fl-2021, iżda xorta waħda ammont akbar mill-11% (68 individwu) irrappurtati fl-2020, li min-naħa l-oħra kienet uriet żieda għal 18% (90 individwu) irrappurtati fl-2019.

Dawn is-sejbiet jissuġġerixxu li l-frekwenza tal-użu tal-kokaina baqgħet relattivament stabbli tul dawn l-aħħar snin. Ta' min jiġi nnotat li minkejja ż-żieda fl-użu ġenerali tal-kokaina, il-proporzjon ta' individwi li jużaw il-kokaina darba fil-ġimgħa jew anqas ma nbidilx b'mod sinifikanti. Dan jindika li filwaqt li n-numru ta' utenti tal-kokaina jista' jkun li qed jiżdied, ix-xejriet tal-użu tagħhom baqgħu konsistenti.

## 3.10 ROTTA TA' AMMINISTRAZZJONI

Ir-rotta ta' amministrazzjoni ta' droga tirreferi għal kif din tidħol fil-ġisem, bħal permezz ta' injezzjoni jew konsum mill-ħalq. Fost l-individwi li rrappurtaw il-kokaina bħala d-droga prinċipali tal-għażla tagħhom, 47% (351 individwu) iddikjaraw li l-isniffing jew l-isnorting kienu r-rotta ta' amministrazzjoni ppreferuta tagħhom, tnaqqis ta' 6% mill-2021, fejn 53% irrappurtaw din ir-rotta. Din ix-tendenza kienet aktar qawwija bi tnaqqis ta' 18% fuq l-2020, fejn 65% irrappurtaw l-isniffing jew l-isnorting. Min-naħa l-oħra, in-numru ta' individwi li rrappurtaw it-tipjip jew l-inalazzjoni tal-kokaina fl-2022 żdied b'6% (46%; 350 individwu) fuq l-40% (273 individwu) irrappurtati fl-2021. Din ix-tendenza ġiet osservata wkoll meta mqabbla mal-2020 fejn ġiet irreġistrata żieda ta' 13% għal 33% li rrappurtaw it-tipjip jew l-inalazzjoni.

Individwi li jużaw il-kokaina għandhom imġiba ta' injettar baxxa ħafna, b'kuntrast ma' dawk li jużaw l-eroina, li għalihom l-imġiba tal-injettar hija simili għal dik tat-tipjip jew tal-inalazzjoni. 6% (42 individwu) biss tal-utenti tal-kokaina rrappurtaw l-injettar fl-2022, l-istess perċentwal irreġistrat fl-2021, għalkemm din hija żieda ta' 5% mill-1% fl-2020.




Figura 3.8: Il-Kokaina bħala d-Droga Primarja skont ir-rotta ta' amministrazzjoni 2022

Din id-data tindika bidla notevoli fil-metodi ppreferuti tal-użu tal-kokaina fost l-individwi mistħarrġa. Filwaqt li l-isniffing jew l-isnorting għadhom l-aktar rotta komuni ta' amministrazzjoni, kien hemm tnaqqis stabbli fil-popolarità tagħha matul dawn l-aħħar snin. Min-naħa l-oħra, ġiet irrappurtata żieda sinifikanti għat-tipjip jew l-inalazzjoni tal-kokaina, li jindika tendenza li qed tinbidel lejn dan il-metodu ta' konsum u għaldaqstant, żieda possibbli fl-użu tal-kokaina crack li hija orħos. Dawn is-sejbiet jenfasizzaw ix-xejriet li qed jevolvu tal-użu tal-kokaina u l-ħtieġa ta' interventi u strateġiji ta' prevenzjoni mmirati.

## 3.11 UŻU TA' SUSTANZA SEKONDARJA

Mis-750 individwu li rrappurtaw il-kokaina bħala d-droga primarja tal-għażla tagħhom, total ta' 18% (138 individwu) irrappurtaw li kienu jużaw l-eroina bħala t-tieni droga ppreferuta tagħhom. Żieda ħafifa ta' 1% ġiet irreġistrata meta mqabbla mad-data għall-2021, l-2020 u l-2019, fejn total ta' 17% tal-individwi kollha rrappurtaw l-użu tal-eroina.

Individwi li rrappurtaw il-kannabis bħala t-tieni droga ppreferuta tagħhom ammontaw għal 19% (140 individwu) fl-2022, żieda ta' 2% meta mqabbla mad-data tal-2021 li tindika 17% (119 individwu), u dik tal-2020 (17%; 103 individwu). Madankollu, ta' min wieħed jinnota t-tnaqqis sinifikanti ta' 8% meta mqabbel mal-2019 (27%; 135 individwu).

Min-naħa l-oħra, individwi li ma rrappurtaw l-ebda droga sekondarja oħra fl-2022, naqsu b'10%, b'43% (319 individwu) irrappurtati, meta mqabbla mal-53% (356 individwu) fl-2021. Madankollu, id-data għall-2022 turi żieda ta' 3% mill-40% (240 individwu), irrappurtati fl-2020, u żieda ta' 13% mit-30% (154 individwu) irrappurtati fl-2019. Fl-2022, 153 individwu li kienu jirrappreżentaw l-20% li kien fadal iddikjaraw li kienu użaw varjetà ta' drogi oħra.




Figura 3.9: Il-Kokaina bħala d-Droga Primarja skont id-droga sekondarja 2022

## 3.12 UŻU PROBLEMATIKU TAL-KOKAINA

Fl-2022, kien hemm estimu ta' 1,465 utent tal-kokaina b'riskju għoli f'Malta. Id-data turi li 312 individwu kienu qed jiġu ttrattati għall-użu tal-kokaina kuljum. Dan jimplika li fost in-numru stmat ta' utenti tal-kokaina kuljum, 21% qed jirċievu t-trattament (3.98 għal kull 1,000 ruħ tal-popolazzjoni bejn il-15 u l-64 sena).

## 3.13 APPLIKANTI GĦAT-TRATTAMENT GĦALL-KANNABIS

Wara l-eroina u l-kokaina, il-kannabis huwa t-tielet droga primarja li tintuża l-aktar fost individwi li jfittxu t-trattament. Meta mqabbel mad-data tal-2021 (15%; 291 individwu), l-użu tal-kannabis bħala droga primarja naqas bi 3% fl-2022 (12%; 233 individwu). Minkejja t-tnaqqis fl-2022, din ix-tendenza għadha turi żieda ta' 4% fuq l-2015 meta tali użu ġie rrappurtat bħala 8%.

Fl-2022, total ta' 35% (82 individwu) mill-233 individwu rreġistraw il-kannabis bħala d-droga primarja tagħhom ġew irrappurtati bħala każijiet ġodda. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 5% mill-2021 (40%; 115 individwu). Min-naħa l-oħra, dawn iċ-ċifri jirriflettu żieda ta' 6% meta mqabbla mal-2019 u mal-2018 meta l-perċentwal ta' individwi li kienu għadhom kemm daħlu għat-trattament li rrappurtaw l-użu tal-kannabis bħala d-droga primarja tagħhom kien jammonta għal 29% rispettivament.

Matul l-2022, l-irġiel ikkostitwixxew il-maġġoranza tal-każijiet ta' dawk li fittxew it-trattament primarjament għall-użu tal-kannabis tagħhom, u ammontaw għal 85% (197 individwu) tal-grupp, filwaqt li l-15% (36 individwu) l-oħra kienu nisa. L-età medjana ta' dawn l-individwi kienet irrappurtata bħala 29 sena.

L-età medjana tal-użu għall-ewwel darba ta' kwalunkwe droga għal dawk li fittxew it-trattament primarjament għall-użu tal-kannabis kienet ta' 16-il sena. Id-data tindika li bħala medja, dawn l-individwi fittxew it-trattament għall-problema tad-droga tagħhom 9 snin wara li użawha għall-ewwel darba. Fost dawn l-individwi, 49% (115 individwu) marru għat-trattament fuq inizjattiva tagħhom stess jew ġew irrakkomandati li jagħmlu dan minn membri tal-familja jew ħbieb.

Il-maġġoranza tagħhom, jiġifieri 86% (200 individwu) kienu rrappurtaw sitwazzjoni ta' akkomodazzjoni stabbli. 35% (82 individwu) irrappurtaw li kienu jgħixu fir-reġjun tal-Port tat-Tramuntana tal-gżira. Barra minn hekk, id-data turi li 50% kellhom impjieg regolari (117 individwu), 65% kienu lestew l-edukazzjoni fil-livell tal-iskola sekondarja tagħhom (152 individwu) u 16% lestew livell ta' edukazzjoni għolja (37 individwu).

Total ta' 8% (18-il individwu) tal-individwi li jużaw il-kannabis bħala s-sustanza primarja tagħhom huma rreġistrati wkoll li jirċievu trattament tal-agonist kontra l-opjojdi, li jindika li għadd żgħir tal-individwi li jużaw il-kannabis jirċievu wkoll it-trattament għall-użu tal-opjojdi tagħhom. Barra minn hekk, 16% (38 individwu) irrappurtaw li għandhom problema tal-użu ta' drogi differenti.

## 3.14 FREKWENZA TAL-UŻU

Il-frekwenza tal-użu tirreferi għal kemm-il darba l-individwu uża l-kannabis fuq bażi ta' kull ġimgħa. 61% (141 individwu) minn dawk li qalu li l-kannabis kienet id-droga prinċipali tal-għażla tagħhom irrappurtaw li użaw is-sustanza kuljum. L-istess ammont ġie rreġistrat fl-2021 (180 individwu). Fl-2020, 59% (158 individwu) tal-utenti tal-kannabis kienu jużaw id-droga kuljum, meta mqabbla ma' 56% fl-2019 (155 individwu). Dawn iċ-ċifri juru żieda ta' 5% fl-2022 meta mqabbla mal-2019 u żieda ta' 2% meta mqabbla mal-2020.

Iċ-ċifri għall-utenti tal-kannabis li rrappurtaw li jużaw id-droga bejn 4 u 6 ijiem fil-ġimgħa żdiedu ftit b'1% fl-2022 (13% jew 31 individwu) meta mqabbla mal-2021 (12% jew 34 individwu). L-istess perċentwal ġie rreġistrat meta mqabbel mal-2020 (13% jew 35 individwu) u żieda ta' 3% ġiet irreġistrata meta mqabbla mal-2019 (10% jew 28 individwu).

12% (27 individwu) tal-utenti tal-kannabis irrappurtaw li użaw id-droga bejn jumejn u 3 ijiem fil-ġimgħa fl-2022, żieda ta' 1% meta mqabbla mal-11% (31 individwu) tal-2021, l-istess bħal fl-2020, jiġifieri 11% (29 individwu), iżda żieda ta' 6% mis-6% (16-il individwu) irrappurtati fl-2019.

Il-perċentwal ta' utenti tal-kannabis li rrappurtaw li użaw is-sustanza darba fil-ġimgħa jew anqas naqas għal 3% (8 individwi) fl-2022, meta mqabbel mas-6% irrappurtat fl-2021 (17-il individwu) u s-6% (16-il individwu) tal-2020. Tnaqqis ta' 6% kien innotat meta l-2021 ġiet imqabbla mal-2019 bi 12% (33 individwu).




Figura 3.10: Il-Kannabis bħala d-Droga Primarja skont il-frekwenza tal-użu 2022

L-utenti tal-kannabis li qalu li ma kinux użaw id-droga fit-30 jum preċedenti żdiedu b'1% fl-2022, bi 11% (26 individwu) fl-2022, meta mqabbla ma' 10% (28 individwu) fl-2021. Iċ-ċifri għall-2020 kienu ta' 12% (31 individwu), filwaqt li fl-2019 iċ-ċifra kienet ta' 16% (46 individwu).

## 3.15 UŻU TA' SUSTANZA SEKONDARJA

Mill-233 individwu li qalu li l-kannabis hija d-droga primarja tal-għażla tagħhom, 25% (58 individwu) qalu li l-kokaina kienet id-droga sekondarja ppreferuta tagħhom. Dan il-perċentwal naqas b'4% meta mqabbel mal-2021, fejn 29% (83 individwu) irrappurtaw dan. Barra minn hekk, iċ-ċifra għall-2022 tikkostitwixxi żieda b'1% meta mqabbla mal-2020, fejn kienet 24% (53 individwu), u tnaqqis b'2% meta mqabbla mal-2019, fejn kienet 27% (75 individwu).




Figura 3.11: Il-Kannabis bħala d-Droga Primarja skont id-droga sekondarja 2022

In-numru ta' individwi li rrappurtaw l-eroina bħala d-droga sekondarja ppreferuta tagħhom kien irreġistrat għal 10% (23 individwu), tnaqqis ta' 1% mill-2021 fejn ġew irreġistrati 9% (25 individwu), żieda ta' 2% fuq l-2020 (8%; 21 individwu), u żieda ta' 4% fuq l-2019 (6%; 17-il individwu).

In-numru ta' individwi li ma rrappurtaw l-ebda droga sekondarja oħra fl-2022 ammonta għal 48% (112 individwu), tnaqqis ta' 4% fuq l-2021 bi 52% (152 individwu), tnaqqis ta' 8% fuq l-2020, 56% (151 individwu) u tnaqqis ta' 8% fuq l-2020 b'56% (151 individwu). B'kuntrast ma' dan, ġiet irreġistrata żieda ta' 2% jekk wieħed iqabbel iċ-ċifri għall-2022 mas-46% (129 individwu) irrappurtati fl-2019. Fl-2022, is-17% (40 individwu) l-oħra rrappurtaw l-użu ta' drogi oħra, b'4% (10 individwi) li rrappurtaw l-użu tal-kannabinojdi.

# 04 Il-Ħsara Kkawżata mid-Droga



## 4.0 MARD INFETTIV RELATAT MAD-DROGA

F'Malta, it-Taqsima ta' Sorveljanza Nazzjonali tal-Mard Infettiv (National Infectious Disease Surveillance Unit) fid-Dipartiment tas-Saħħa tirċievi notifiki dwar każijiet pożittivi mid-dipartimenti tal-viroloġija u l-ħabsijiet. L-istimi ta' prevalenza tal-virus tal-immunodefiċjenza umana (HIV), il-virus tal-epatite B (HBV), u l-virus tal-epatite C (HCV), jistgħu jiġu determinati minn testijiet dijanjostiċi fost persuni li jinjettaw id-droga li jfittxu t-trattament fit-taqsima tat-trattament tal-outpatients immaniġġjata mill-Aġenzija Sedqa, l-aġenzija eżekuttiva tal-gvern Malti fil-qasam tad-droga.

Fl-2022, 70 (4%) individwu ttestjaw għall-HIV. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' każijiet pożittivi għall-HIV marbuta mal-użu tad-droga permezz tal-injettar matul is-sena inkwistjoni. Fir-rigward tal-HBV, id-data għall-2022 turi li 78 individwu (4%) ġew ittestjati, u minn dawn ma ġie rrappurtat l-ebda każ pożittiv irreġistrat. Meta nħarsu lejn l-HCV, id-data għall-2022 uriet li 76 individwu (4%) ġew ittestjati matul dik is-sena. Minn dawk ittestjati, total ta' 13 (1%) kellhom riżultat pożittiv.

## 4.1 KONSEGWENZI TAS-SAĦĦA FOST L-UTENTI TAL-EROINA

Fl-2022, 65% (594 individwu) tal-individwi li użaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom irrappurtaw li ġew ittestjati għall-HCV tal-anqas darba f'ħajjithom. Dan juri tnaqqis ta' 9% mill-2021 (74%), u tnaqqis ta' 1% mill-2020 (66%). Barra minn hekk, ġew irreġistrati 8 każijiet pożittivi tal-HCV fost dawk li jużaw l-eroina, jiġifieri tnaqqis mill-2021 (30 każ pożittiv ġdid).

Fl-2022, (2%) 18-il utent tal-eroina ġew irrappurtati li ttestjaw għall-ewwel darba għall-HBV. Dawn iċ-ċifri juru tnaqqis ta' 2% mill-2022 (4%). L-ebda każ pożittiv tal-HBV ma ġie rrappurtat fost l-utenti tal-eroina fl-2022, tnaqqis meta mqabbel mal-2021 (3 individwi). Fir-rigward tal-ittestjar għall-HIV, (2%) 15-il utent tal-eroina bħala d-droga primarja tagħhom ġew ittestjati għall-ewwel darba, bl-ebda każ pożittiv irrappurtat.

## 4.2 KONSEGWENZI TAS-SAĦĦA FOST L-UTENTI TAL-KOKAINA

Fl-2022, 28% (208 individwu) tal-individwi li użaw il-kokaina bħala d-droga primarja tagħhom irrappurtaw li ġew ittestjati għall-HCV tal-anqas darba f'ħajjithom. Dan juri tnaqqis ta' 2% mill-2021 (30%). Total ta' 5 individwi ttestjaw pożittivi fl-2022, tnaqqis żgħir meta mqabbel mal-2021 (6 individwi).

Fir-rigward tal-ittestjar għall-HIV, fl-2022 198 individwu (26%) irrappurtaw li ġew ittestjati tal-anqas darba f'ħajjitom, tnaqqis ta' 4% fuq l-2021 (30%). Min-naħa l-oħra, kien hemm 207 individwu (27%) li ġew ittestjati tal-anqas darba f'ħajjithom għall-HBV li juri wkoll tnaqqis ta' 3% meta mqabbel mal-2021 (30%). Id-data għall-2022 turi wkoll li l-ebda każ pożittiv ġdid ma ġie rrappurtat fost l-utenti tal-kokaina.

## 4.3 KONSEGWENZI TAS-SAĦĦA FOST L-UTENTI TAL-KANNABIS

Fl-2022, 28 individwu li użaw il-kannabis bħala d-droga primarja tagħhom (12%) irrappurtaw li kienu ttestjaw għall-HBV tal-anqas darba f'ħajjithom, li juri tnaqqis ta' 3% fuq l-2021 (15%), bl-ebda każ ġdid irrappurtat għal kemm l-2021 kif ukoll l-2022. Total ta' 27 persuna (12%) irrappurtaw li ġew ittestjati għall-HIV tal-anqas darba f'ħajjithom, li juri tnaqqis ta' 3% mill-2021 (15%). Ma kien hemm

l-ebda każ pożittiv ġdid fost l-utenti tal-kannabis ittestjati fis-sena preċedenti, iżda każ pożittiv ġdid wieħed ġie rreġistrat fl-2021. Id-data għall-2022 turi li 29 individwu (12%) irrappurtaw li ġew ittestjati għall-HCV xi darba jew oħra f'ħajjithom, tnaqqis ta' 3% mill-2021 (15%), bl-ebda każ ġdid irrappurtat għas-snin 2021 u 2022.

## 4.4 EMERĠENZI RELATATI MAD-DROGA

Taqsima tat-tossikoloġija klinika fl-Isptar Mater Dei qed tipparteċipa fil-proġett tan-Network Ewropew tal-Emerġenzi tad-Droga (Euro-DEN Plus), li ġie mniedi fl-2013 bil-għan li tiġi mmonitorjata t-tossiċità akuta tad-droga f'ċentri ta' kontroll madwar l-Ewropa. Il-figura hawn taħt turi żieda stabbli fid-dħul l-isptar b'emerġenza relatat mad-droga matul dawn l-aħħar 5 snin irrappurtati, bil-kokaina u l-kannabis bħala d-drogi ewlenin li wasslu lill-individwi biex ifittxu assistenza medika minħabba intossikazzjoni. Huwa ta' tħassib partikolari li d-data għall-2022 turi żieda ġenerali fid-dħul l-isptar minħabba intossikazzjoni tas-sustanzi kollha rrappurtati fit-tabella hawn taħt. Fil-fatt, l-akbar żieda kienet irrappurtata għan-numru ta' każijiet irrappurtati bħala dħul l-isptar minħabba intossikazzjoni bil-kannabis, b'żieda għal 431 każ fl-2022, meta mqabbla mas-97 każ irrappurtati fl-2021, li huwa erba' darbiet aktar milli fl-2021. Barra minn hekk, id-dħul l-isptar minħabba intossikazzjoni bil-kokaina żdied għal 438 fl-2022, meta mqabbel mal-2021 fejn ġew irrappurtati 273 ta' każijiet bħal dawn, li huwa kważi d-doppju tal-każijiet. Id-dħul l-isptar minħabba intossikazzjoni bl-eroina żdied ukoll għal 68 fl-2022, mill-43 każ irrappurtati fis-sena preċedenti li huwa ekwivalenti għal żieda ta' 60%. Finalment, id-dħul l-isptar minħabba intossikazzjoni bil-kannabinojdi sintetiċi żdied ukoll minn 100 individwu fl-2021 għal 135 individwu fl-2022, żieda ta' 35%. Għalkemm hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar kannabinojdi sintetiċi, b'mod partikolari fis-servizzi tat-trattament, il-fatt li fl-2022 kien hemm 135 każ ta' dħul l-isptar b'emerġenza, l-akbar ċifra rrappurtata sal-lum, hemm indikazzjoni li dawn is-sustanzi huma disponnibbli ħafna lokalment u li l-kannabinojdi sistetiċi jikkawżaw effetti avversi fuq is-saħħa, bħal psikożi, li jwassal biex il-persuni li jużawhom jiddaħħlu fl-isptar psikjatriku.




Figura 4.0: Emerġenzi relatati mad-droga skont it-tip ta' droga 2017-2022

Fost l-ammissjonijiet ġenerali t' emerġenza, numru sinifikanti ta' pazjenti kienu jeħtieġu aktar kura minn emerġenza għal servizzi mediċi oħra. Notevolment, 189 individwu ammessi minħabba intossikazzjoni tal-kokaina, kienu jeħtieġu aktar interventi mediċi, li jindikaw li l-użu akut tas-sustanza inkwistjoni kien irriżulta f'riżultat kroniku. Bl-istess mod, 111-il pazjent li esperjenzaw intossikazzjoni tal-kannabis ġew riferuti għal servizz mediku ieħor, u dan jirrifletti għal darb'oħra li l-intossikazzjoni akuta tista' twassal ukoll għal problemi fit-tul. It-tendenza tkompli b'39-il pazjent ammessi b'intossikazzjoni Synthetic Cannabinoid Receptor Agonist, li tenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ sostnut għall-kura tas-saħħa f'dawn il-każijiet. Barra minn hekk, 26-il pazjent b'intossikazzjoni eroina ġew diretti lejn servizzi oħra.




Figura 4.1: Entraturi fl-emerġenza li ddaħħlu f'servizzi mediċi oħraww

Fi ħdan l-ispettru t'ammissjonijiet ta' emerġenza li ġew ammessi f'servizzi mediċi oħra, joħroġ mudell dixxernibbli rigward pazjenti b'intossikazzjoni ta' sustanza speċifika li jeħtieġu assistenza tas-saħħa mentali. Notevolment, 105 individwu b'intossikazzjoni tal-kokaina kienu diretti lejn kura psikjatrika, li jfisser il-kunsiderazzjonijiet kumplessi tas-saħħa mentali assoċjati ma 'din is-sustanza. Bl-istess mod, 86-il pazjent li esperjenzaw intossikazzjoni tal-kannabis ġew ammessi għall-kura psikjatrika, jenfasizza d-dimensjoni tas-saħħa mentali involuta fil-ġestjoni tal-effetti ta' din is-sustanza. Din it-tendenza tippersisti b'44 pazjent ammessi għal intossikazzjoni Synthetic Cannabinoid Receptor Agonist. Fl-aħħar nett, 24-il pazjent b'intossikazzjoni mill-eroina ġew trasferiti u ddaħħlu fis-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali.




Figura 4.2 Entraturi fl-emerġenza li ddaħħlu f'servizzi psikjatriċi

## 4.5 IMWIET IKKAWŻATI MID-DROGA U L-MORTALITÀ

L-imwiet ikkawżati mid-droga huma mwiet li jistgħu jiġu attribwiti direttament għall-użu tad-droga illeċita (jiġifieri, avvelenament u dożi eċċessivi). Fl-2022, ir-Reġistru Speċjali tal-Pulizija rreġistra erba' mwiet ikkawżati mid-droga. Fl-2022, il-vittmi ta' mwiet minħabba doża eċċessiva rrappurtati kienu kollha rġiel. Il-figura hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-imwiet bejn l-1997 u l-2022.




Figura 4.3 L-Evuluzzjoni ta' Mwiet 1997-2022

# 05 Il-Prevenzjoni



## 5.0 INTERVENTI TA' PREVENZJONI

L-interventi ta' prevenzjoni f'Malta jinkludu firxa wiesgħa ta' approċċi li jipprovdu servizzi lil udjenza diversa fost il-popolazzjoni f'Malta. Is-servizzi pprovduti jinkludu, inizjattivi ta' prevenzjoni universali, li jindirizzaw il-prevenzjoni fil-popolazzjoni kollha, il-prevenzjoni selettiva, li tindirizza l-ħtiġijiet ta' prevenzjoni ta' gruppi vulnerabbli speċifiċi fis-soċjetà, u servizzi ta' prevenzjoni mmirati: li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-individwi li jistgħu diġà jkunu qed jesperimentaw bl-użu tas-sustanzi u li jkunu f'riskju akbar li jiżviluppaw dipendenza.

Il-miżuri ta' prevenzjoni ambjentali huma miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-użu tas-sustanzi billi jillimitaw l-opportunitajiet biex jintużaw is-sustanzi, b'mod partikolari f'oqsma speċifiċi. Dawn il-miżuri f'Malta jinkludu l-adozzjoni ta' projbizzjoni totali fuq it-tipjip fi spazji magħluqa u fi playgrounds, żoni fejn mhux permess it-tipjip f'diversi postijiet speċifiċi fuq ġewwa bħal ristoranti, bars u ħwienet u l-projbizzjoni tat-tipjip f'karozzi li jkun fihom tfal żgħar.

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali (Foundation for Social Welfare Services) u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (Foundation for Medical Services) jimplimentaw attivitajiet ta' prevenzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs). Is-Sedqa, l-aġenzija eżekuttiva tal-gvern Malti fil-qasam tad-droga, investiet fil-kunċett li l-aktar trattament effettiv kontra d-dipendenza biex jinkiseb irkupru b'saħħtu jqis il-fatturi soċjali, psikoloġiċi u fiżiċi kumplessi li jinfluwenzaw l-iżvilupp ta' dipendenza. Bħala riżultat, minn Jannar tal-2021, sistema ġdida ta' analiżi tal-gravità, imsejħa aħjar l-MDT (Tim Multidixxiplinari) qed tintuża biex tilqa' klijenti ġodda wara valutazzjoni preliminari inizjali fl-istadju tad-dħul. It-tim MDT (li jinkludi ħaddiem soċjali/professjonist fil-qasam tal-assistenza soċjali, tabib u psikologu) sussegwentement jipprovdi pjan ta' kura dettaljat li għandu jiġi segwit mill-klijent. Sistema bħal din ġiet imfaħħra ħafna mill-klijenti stess, li jħossu li l-kwistjonijiet relatati mad-dipendenza tagħhom qed jiġu indirizzati permezz ta' approċċ aktar personali u olistiku.

L-NGOs il-Caritas u l-Fondazzjoni OASI jipprovdu wkoll firxa ta' programmi ta' prevenzjoni mmirati lejn gruppi jew ambjent speċifiċi.

Is-Servizzi Terapewtiċi tal-Adolexxenti Tal-Ibwar Caritas huwa servizz li ġie mniedi fl-2021 li huwa offrut mill-Caritas f'faċilitajiet mibnija apposta mmirati biex jappoġġjaw u jsaħħu l-pożizzjoni ta' żgħażagħ minn 12 sa 17-il sena, li qed jitħabtu mal-użu problematiku tas-sustanzi, filwaqt li jgħinuhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jgħixu ħajjiet sodisfaċenti. Flimkien mal-familji tagħhom u ma' dawk li jieħdu ħsiebhom, Tal-Ibwar jipprovdi opportunitajiet edukattivi u trattamenti psikosoċjali permezz ta' servizzi ta' kura matul il-jum u programmi terapewtiċi residenzjali. Is-servizzi terapewtiċi f'Tal-Ibwar jinkludu valutazzjoni bir-reqqa b'enfasi fuq l-involviment, iż-żamma tat-trattament, ir-relazzjonijiet, u l-edukazzjoni, kif ukoll skrinjar għal problemi psikjatriċi u psikoloġiċi, trawma, użu tad-droga u tal-alkoħol, u kundizzjonijiet assoċjati tas-saħħa.

OASI toffri servizzi ta' prevenzjoni magħżula, intervent immedjat biex jintlaħqu l-persuni qabel ma jibdew jesperimentaw bi mġiba mhux tajba għas-saħħa. Is-servizzi jinkludu sessjonijiet individwali, żjarat fid-djar, sessjonijiet tal-familja u appoġġ soċjali. Dan is-servizz jiftaħ proċess ta' bidla u tkabbir fil-persuna. Permezz ta' kkowċjar u terapija ta' appoġġ, jgħin lill-individwi jirkupraw il-fiduċja fihom infushom u għaldaqstant jimmaniġġjaw ir-responsabbiltajiet tal-ħajja ordinarja u ta' kuljum tagħhom mingħajr biża' u b'attitudni aktar rilassata u prattika.

Is-Servizz ta' Kontra l-Abbuż mis-Sustanzi (ASAS) jgħin lit-tfal u l-adolexxenti ta' età obbligatorja għall-iskola u/jew dawk li jattendu istituzzjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi. L-ASAS jiggwida wkoll lill-ġenituri/lit-tuturi skont il-ħtieġa. Sabiex l-istudenti jiġu megħjuna biex ma jesperimentawx b'sustanzi, biex ma jużawhomx b'mod regolari jew biex jegħlbu d-dipendenza tagħhom, diversi interventi huma fis-seħħ biex tiġi indirizzata kull sitwazzjoni.

### Ir-rwol tal-ASAS

Ir-rwol tal-għalliema ta' gwida fi ħdan l-ASAS jinkludi diversi responsabbiltajiet, inklużi dawn li ġejjin:

a. Servizzi ta' konsultazzjoni mal-edukaturi, il-professjonisti u l-ġenituri/t-tuturi, fost l-oħrajn.
b. Appoġġ individwali għall-istudenti. Il-ħidma tat-tim tiffoka primarjament fuq sessjonijiet individwali mal-istudenti fil-bżonn, kif ukoll laqgħat mal-ġenituri/mat-tuturi. Jiġi stabbilit u implimentat pjan ta' kura għal kull student skont il-ħtiġijiet tiegħu/tagħha, sabiex ikunu jistgħu jingħataw l-intervent speċifiku li jeħtieġu. Jistgħu jkunu involuti professjonisti oħra f'dan il-pjan ta' kura.
ċ. Sessjonijiet ta' prevenzjoni strutturati ma' gruppi ta' studenti u partijiet ikkonċernati oħra skont il-ħtiġijiet tal-Kulleġġ. Dan jinkludi ppjanar loġistiku u laqgħat għas-sessjonijiet ta' prevenzjoni mfassla apposta.

## 5.1 INIZJATTIVI ĠODDA TA' PREVENZJONI 2022

### Il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali/Sedqa

Matul l-2022, is-servizzi ta' prevenzjoni tas-Sedqa komplew isaħħu l-programmi tagħhom billi ġeddewhom u ffinalizzaw il-fuljetti u l-logħob interattiv kollu skont l-objettivi ta' kull programm. Il-programmi T.F.A.L. 3 u T.F.A.L. 5 kisbu akkreditazzjoni mid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni. Ġie konkluż eżerċizzju komprensiv ta' evalwazzjoni fuq il-programmi u l-interventi ta' prevenzjoni kollha wara li ġie mogħti feedback minn diversi partijiet ikkonċernati. L-interventi fl-ambjenti tal-iskola postsekondarja ġew żviluppati b'mod li jkunu jistgħu jsiru sessjonijiet interattivi maż-żgħażagħ bil-għan li jkun hemm aktar diskussjoni dwar sustanzi differenti u dipendenzi komportamentali oħrajn. It-tim ta' prevenzjoni ħoloq ukoll il-kontijiet ta' Instagram u ta' Lindkedln fi ħdan il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-aġenzija. Ġew żviluppati inizjattivi ta' responsabbiltà soċjali korporattiva permezz tal-kollaborazzjoni b'suċċess mal-Alfred Mizzi Foundation, Kindred u Maypole Bakery. It-tim ta' prevenzjoni ressaq ukoll erba' astratti għal konsiderazzjoni għall-konferenza organizzata mis-Soċjeta Internazzjonali tal-Mediċini għad-Dipendenzi (International Society of Addiction Medicine), li minnhom ġew aċċettati tlieta. It-titli tal-astratti kienu:

a) Ir-Rwol tal-Politika tal-Post tax-Xogħol fl-Indirizzar tad-Diffikultajiet Minħabba l-Użu Ħażin tas-Sustanzi tal-Impjegati (The Role of Workplace Policy in Addressing Employees' Substance Misuse Difficulties)
b) Politika tal-Użu Ħażin tas-Sustanzi fil-Post tax-Xogħol: L-Attitudnijiet tat-Timijiet tat-Tmexxija Għolja (A Substance Misuse Policy in the Workplace: Senior Leadership Teams' Attitudes)
ċ) Programmi ta' Prevenzjoni tal-Użu Ħażin tas-Sustanzi: Il-Kuntest Malti (Substance Misuse Prevention Programmes: The Maltese Context)

L-Iżvilupp tat-Taħriġ: Professjonisti tal-prevenzjoni attendew u ppreżentaw fil-konferenza Soċjetà Ewropea għar-Riċerka ta' Prevenzjoni (EUSPR - European Society for Prevention Research) fl-Estonja dwar it-Tema; "Prevenzjoni Bejn Etika u Effettività (Prevention Between Ethics and Effectiveness)." Barra minn hekk, għadd ta' professjonisti ta' prevenzjoni oħra attendew il-Planet Youth Conference fl-Islanda, "Noħolqu futur aħjar għaż-Żgħażagħ (Creating a better future for Youth)." Dan tal-aħħar kien maħsub biex ikompli jistabbilixxi networks fil-qasam tal-prevenzjoni u jivvaluta aktar modalitajiet f'kuntest internazzjonali.

## Caritas Malta

Caritas toffri diversi taħdidiet għal komunitajiet iżgħar bħall-gruppi tal-iscouts, nurseries tal-futbol, gruppi tal-anzjani u oħrajn. L-għan ewlieni ta' dan is-servizz ta' sensibilizzazzjoni huwa li tinħoloq kuxjenza dwar is-saħħa mentali u l-abbuż tas-sustanzi, u barra minn hekk, biex jiġu pprovduti għodod psikosoċjali. Il-kollaborazzjoni mal-pulizija komunitarja ġiet żviluppata wkoll mill-Caritas u din tiffoka fuq il-promozzjoni tas-saħħa mentali fil-komunità u tipprovdi għarfien dwar ċerti kundizzjonijiet bħall-epilessija. Ġew organizzati wkoll programmi tar-radju biex il-pubbliku jiġi pprovdut b'informazzjoni dwar is-saħħa mentali u l-għodod psikosoċjali li jistgħu jintużaw biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja fost il-popolazzjoni f'Malta.

## OASI

Fl-2022, it-tim ta' prevenzjoni tal-OASI wettaq diversi attivitajiet matul is-sena. OASI pparteċipat f'għadd ta' programmi tar-radju kemm fuq stazzjonijiet tar-radju lokali kif ukoll fuq stazzjonijiet tar-radju nazzjonali, fejn ġew indirizzati kwistjonijiet differenti u diskussi suġġetti differenti fir-rigward tad-dipendenza. L-OASI pparteċipat ukoll f'għadd ta' programmi fuq it-televiżjoni matul l-2022.

Sessjonijiet fl-iskola fi skejjel primarji kif ukoll sekondarji jiffurmaw parti kbira mill-ħidma mwettqa mit-tim ta' prevenzjoni. Sa Ġunju tal-2022, l-OASI offriet prinċipalment sessjoni waħda ma' kull klassi fl-iskejjel primarji u sekondarji f'Għawdex u xi drabi sabet li huwa diffiċli li jiġi kopert il-materjal meħtieġ u għaldaqstant li jiġi żgurat li l-messaġġ wasal. Madankollu, wara riċerka estensiva u għadd ta' diskussjonijiet interni, ittieħdet deċiżjoni li jiżdiedu s-sessjonijiet kull sena minn sessjoni waħda biss għal tliet sessjonijiet għal kull klassi fl-iskejjel kemm primarji kif ukoll sekondarji. Fil-bidu tas-sena skolastika 2022-2023, saru laqgħat mal-Kapijiet tal-Iskejjel fejn ġie spjegat lilhom il-kurrikulu l-ġdid li kien ibbażat fuq l-istudju tal-EMCDDA li enfasizza l-ħtieġa għal għarfien u prevenzjoni, billi r-riskji qegħdin dejjem jiżdiedu. Il-kurrikulu l-ġdid tnieda u ġie implimentat mill-bidu tas-sena akkademika f'Ottubru 2022.

It-tim ta' prevenzjoni primarja kkollabora wkoll ma' żewġ psikjatri lokali sabiex jingħata lekċer fil-bini tal-OASI, intitolat Komorbidità: Mard Mentali u Vizzji (Comorbidity: Mental Illness and Addiction). L-għan ta' dan l-avveniment huwa li jiġu attirati dawk fil-qasam tad-dipendenza u l-mard mentali u kif ukoll studenti biex dawn jattendu u biex jifhmu aħjar kif jistgħu jiġu mmaniġġjati dawk l-individwi b'dijanjożi doppja. Il-lekċer saret fil-25 ta' Marzu 2022. Saru żewġ lekċers oħra minn OASI fil-Diaconia Office & Institute for Pastoral Ministry Djoċesi ta' Għawdex kmieni fl-2022, intitolati "It-Triq lejn Il-Ħelsien Intern: Negħlbu l-Vizzji (The Road to Inner Freedom: Overcoming Addictions)"' bħala parti minn kors akkreditat. Taħdidiet ta' sensibilizzazzjoni fuq is-suġġett tal-vizzji saru wkoll ma studenti f'Barts Medical School f'Marzu. Matul ix-xahar ta' Ġunju, saret taħdita ta' sensibilizzazzjoni oħra fuq is-suġġett tad-dipendenza u l-irkupru fil-Knisja Parrokkjali ta' Għasri. F'Awwissu, bħala parti mill-programm ta' Master's in Counselling tagħhom, 4 studenti żaru OASI u kellhom diskussjoni informattiva mal-persunal li inkludiet informazzjoni dwar id-dipendenzi kif ukoll dwar is-servizzi pprovduti minn OASI. It-taħdidiet ta' prevenzjoni saru wkoll ma' gruppi taż-żgħażagħ matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru b'benefiċjarju tas-servizz jaqsam l-esperjenza taż-żjara tiegħu fiċ-ċentru ta' rijabilitazzjoni ta' OASI . Matul ix-xahar ta' Novembru, Betapsi Malta stiednet it-tim ta' prevenzjoni ta' OASI biex jorganizza taħdita dwar is-sensibilizzazzjoni tad-dipendenzi għall-istudenti tal-psikoloġija li kienu preżenti għall-avveniment tagħhom.

Barra minn hekk, fl-2022, konferenza intitolata "Ix-xogħol...u l-Addiction?' (Work and Addiction) ġiet organizzata fit-18 ta' Mejju fid-Dolmen Hotel f'kollaborazzjoni mar-Reġjun tat-Tramuntana. Dan l-avveniment kien immirat lejn professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-benessri soċjali, il-kura tas-saħħa u anke l-ġestjoni tar-riżorsi, u gruppi oħra li jimpjegaw lin-nies. Sitt professjonisti differenti kienu l-kelliema ewlenin li qasmu l-opinjonijiet tagħhom u ddiskutew is-suġġett skont il-professjoni tagħhom. Kienet konferenza b'attendenza tajba b'diskussjonijiet produttivi minn dawk kollha preżenti biex jintefa' aktar dawl fuq il-problema inkwistjoni.

Fil-bidu tal-2022, l-OASI ddeċidiet li tinkludi komponent ta' prevenzjoni fi SkolaSajf matul is-sajf. Saru laqgħat mal-koordinatur biex din l-inizjattiva sseħħ. Imbagħad tfassal pjan dwar is-suġġetti u l-attivitajiet li jistgħu jiġu inklużi f'dawn is-sessjonijiet. Dan involva l-ħolqien ta' preżentazzjonijiet tal-PowerPoint li kienu jeħtieġu xi attivitajiet ta' riċerka u sejbien imfassla għall-ħtiġijiet tal-gruppi ta' età tat-tfal. Is-sessjonijiet saru ma' gruppi ta' età differenti sal-età ta' 11-il sena. Saru tliet sessjonijiet ma' kull grupp ta' età fis-sitt ċentri ta' SkolaSajf li kienu qed joperaw f'Għawdex.

F'Lulju, ġie organizzat programm ta' taħriġ ta' jumejn fil-Fondazzjoni OASI f'kollaborazzjoni ma' Dar Kenn għal-Saħħtek. Dan it-taħriġ ġie ppjanat u organizzat biex jiġu indirizzati u diskussi disturbi tal-ikel u kif dawn huma relatati mad-dipendenzi u l-benessri. Kien hemm 5 kelliema mill-Italja u wieħed minn Malta li indirizzaw dan l-avveniment, li attendew għalih 35 parteċipant li kienu kollha professjonisti f'dan il-qasam. F'Settembru, it-tim ta' prevenzjoni primarja ta' OASI organizza l-Proġett Youths4Youths li kien id-9 edizzjoni ta' dan l-avveniment. L-għan ta' dan il-proġett huwa li żgħażagħ ta' bejn it-8 u t-12-il sena jqattgħu ġurnata jitgħallmu permezz ta' attivitajiet ta' divertiment edukattiv. Dis-sena, 27 parteċipant attenda l-avveniment. Iż-żgħażagħ daru d-Dwejra Marine Environmental Education Centre li pprovda divertiment edukattiv inkluż għarfien dwar il-fawna u l-flora li tinsab madwar id-Dwejra. Wara dan, iż-żgħażagħ marru fuq dgħajsa madwar l-għerien li jgħaqqdu l-Ibħra Interni mal-Baħar Mediterran miftuħ.

Attività oħra li ġiet organizzata mit-tim ta' prevenzjoni kienet l-OASI Cup Run and Fun Walk li saret f'Ottubru. Total ta' 180 parteċipant ipparteċipaw fl-avveniment inkluż ġirja ta' 10K, mixja ta' 5K, u 3 ġirjiet tat-tfal.

It-tim ta' prevenzjoni huwa responsabbli wkoll għal OASI.kom, li huwa magazin li joħroġ darbtejn fis-sena f'Ġunju u Diċembru u li jiġi mqassam lil kull familja f'Għawdex u jittella' online bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Dan il-magazin għandu tema differenti għal kull edizzjoni u jinkludi artikli rilevanti dwar it-tema magħżula u anke aħbarijiet dwar dak li ġara u dak li sar mill-Fondazzjoni OASI nnifisha.

## Is-Servizz ta' Kontra l-Abbuż mis-Sustanzi (ASAS)

### Riferimenti Individwali

Matul is-sena 2022, ASAS irċieva 186 riferiment ġdid ta' studenti individwali. Ġie organizzat total ta' 980 sessjoni individwali ma' studenti, kif ukoll 368 sessjoni / laqgħa ma' ġenituri/tuturi. Seħħew ukoll 552 laqgħa bejn ASAS u professjonisti oħra. Kien hemm 50 laqgħa ta' konsultazzjoni.

### Sessjonijiet ta' Prevenzjoni għall-Istudenti

Matul is-sena 2022, saru diversi sessjonijiet u seminars informattivi, fi klassi jew grupp żgħir. Is-sessjonijiet saru jew wiċċ imb wiċċ jew b'mod virtwali, skont il-ħtieġa.

### Sessjonijiet ta' Prevenzjoni għal Professjonisti Oħra li jaħdmu fis-Settur tal-Edukazzjoni

Ġew organizzati diversi sessjonijiet informattivi ma' professjonisti fis-settur tal-edukazzjoni. L-għan ta' dawn is-sessjonijiet kien li tiġi kondiviża informazzjoni dwar l-effetti tas-sustanzi, b'enfasi speċjali fuq sustanzi li jkunu għadhom kemm ġew introdotti u l-effetti tagħhom, flimkien ma' xejriet ġodda f'dan il-qasam. Ir-rwol tal-ASAS u l-ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri u l-implimentazzjoni neċessarja tagħhom, ġew deskritti wkoll lil dawn il-professjonisti u lill-istudenti universitarji li kienu qed jiġu mħarrġa biex isiru għalliema. Dawn il-proċeduri jiġu segwiti meta tinstab sustanza fil-bini tal-iskola, jew meta jiġi żvelat li individwu qed juża sustanza.

### Sessjonijiet ta' Informazzjoni u ta' Prevenzjoni ma' Ġenituri/Tuturi

Ġew organizzati sessjonijiet li kienu ta' sostenn, informattivi u ta' gwida ma' ġenituri/tuturi kif meħtieġ.

### Programm ta' Prevenzjoni "Teen Outside the Box", organizzat mal-istudenti kollha tat-8 Sena f'Malta u Għawdex

Dan il-programm ġie organizzat, imwettaq u evalwat f'kollaborazzjoni mat-tim ta' prevenzjoni tas-Sedqa. Is-suġġetti diskussi matul it-tliet sessjonijiet kienu "It-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Ħiliet biex Wieħed Ikampa (Decision Making and Coping Skills)", "L-Użu Għaqli tat-Teknoloġija (Wise Use of Technology)" u "Vizzji (Addictions)". Xi studenti ġew riferuti għal sessjonijiet individwali wara l-programm.

### Taħdidiet tal-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga

L-ASAS ħadem f'kollaborazzjoni mal-pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Saru taħdidiet f'kull Kulleġġ, li kienu mmirati lejn studenti tal-11-il Sena u xi studenti tal-10 Sena.

### Fora tad-Drama

Kien hemm kollaborazzjoni bejn l-ASAS u t-Taqsima tad-Drama, u sħansitra tħejjiet u ġiet ippjanata reċta edukattiva li tindirizza l-użu tas-sustanzi għas-sena skolastika li jmiss 2022-2023. Dan il-programm ġie mmirat ukoll lejn studenti tad-9 Sena.

### Alkoħoliċi Anonimi (AA)

Matul is-sena 2022, l-ASAS żamm kuntatt mal-Alkoħoliċi Anonimi (AA). Kelliem mill-AA ġie mistieden jaqsam l-esperjenza tiegħu fir-rigward tal-użu tal-alkoħol, u l-istudenti ġew inkoraġġiti jistaqsu mistoqsijiet. Wara saret diskussjoni b'saħħitha ħafna. Dawn is-sessjonijiet ġew organizzati ma' xi studenti tal-10 Sena.

### Servizzi Terapewtiċi tal-Adolexxenti Tal-Ibwar (Caritas Malta)

Kien hemm kollaborazzjoni regolari bejn l-ASAS u s-Servizzi Terapewtiċi tal-Adolexxenti Tal-Ibwar. Il-laqgħat saru skont il-ħtieġa ma' diversi professjonisti.

### Żvilupp Professjonali Kontinwu

L-għalliema tal-guidance fi ħdan l-ASAS attendew diversi konferenzi, korsijiet u seminars bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, b'enfasi speċjali fuq oqsma relatati mas-sustanzi.

## 5.2 Il-Politika Nazjonali dwar id-Droga 2023-2033

Fl-2022, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal permezz tal-Bord Konsultattiv Nazzjonali dwar id-Dipendenza fuq id-Droga, u f'kollaborazzjoni mat-Taqsima ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għad-Droga u l-Alkoħol nieda l-Politika Nazzjonali dwar id-Droga l-ġdida għall-10 snin li ġejjin. Il-politika fiha komponent qawwi relatat mas-servizzi ta' prevenzjoni fil-pajjiż. Fost l-azzjonijiet ta' politika l-aktar importanti, id-dokument jipproponi l-istabbiliment ta' Korp ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-Prevenzjoni, bil-għan li jġib flimkien il-partijiet ikkonċernati kollha li jaħdmu fuq livell nazzjonali fis-settur tal-prevenzjoni. Il-politika tindirizza wkoll il-ħtieġa ta' qafas imsaħħaħ li jappoġġja lill-impjegaturi fil-ġestjoni xierqa tal-użu tas-sustanzi fil-forza tax-xogħol. Barra minn hekk, il-politika titlob ukoll it-titjib u aktar investiment fid-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-effettività tal-Prevenzjoni Ambjentali, Universali u Selettiva bil-għan li jiġi pprevenut u/jew imdewwen il-bidu tal-użu tas-sustanzi u jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-użu inizjali tas-sustanzi.

# 06 It-Trattament



## 6.0 IS-SISTEMA TAT-TRATTAMENT

Il-Politika Nazzjonali dwar id-Droga l-ġdida tal-2023-2033 tkompli tisħaq fuq l-importanza li jittieħed approċċ multidixxiplinari għall-provvista tas-servizzi tad-droga billi titrawwem il-kollaborazzjoni bejn fornituri ta' servizzi tad-droga speċjalizzati u professjonisti tas-saħħa u soċjali u istituzzjonijiet governattivi u mhux governattivi oħra biex tiġi żgurata firxa olistika ta' servizzi li jissodisfaw il-ħtieġa ta' persuni li jużaw id-droga. F'Malta hemm ħames fornituri ewlenin tat-trattament għad-droga: tlieta huma ffinanzjati mill-gvern, filwaqt li tnejn huma organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs), li huma ffinanzjati parzjalment mill-gvern. Dawn il-fornituri jipprovdu tipi differenti ta' trattament, li jistgħu jiġu klassifikati f'ħames kategoriji ewlenin:

(i) servizzi speċjalizzati tal-outpatients
(ii) servizzi b'limitu baxx
(iii) programmi ta' trattament tal-inpatients
(iv) trattament ta' detossifikazzjoni
(v) trattament tal-agonist kontra l-opjojdi (OAT)

L-Aġenziji tad-Droga joffru firxa ta' servizzi fil-komunità li jinkludu appoġġ fit-tul jew fuq perjodu qasir permezz ta' ħidma soċjali, counselling, terapija fi grupp, servizzi tal-familja u interventi psikoloġiċi, filwaqt li programmi b'limitu baxx joffru servizzi ta' kura matul il-jum.

F'Malta hemm ħames taqsimiet tal-inpatients, li minnhom, tlieta huma komunitajiet terapewtiċi (TC's.). Il-programmi residenzjali jipprovdu ambjent ta' għajxien komunali sikur u ħieles mid-droga u jieħdu approċċ olisitiku u multidixxiplinari għat-terapija. Tali servizzi għandhom l-għan li joffru appoġġ lill-klijenti biex dawn jieqfu mill-użu tas-sustanzi tagħhom. Programm wieħed joffri detossifikazzjoni għall-inpatients.

L-OAT hija pprovduta mit-Taqsima tal-Outpatients għall-Użu Ħażin tas-Sustanzi (Substance Misuse Outpatient Unit - SMOPU). It-trattament ta' manutenzjoni tal-methadone ilu disponibbli f'Malta mill-1987, b'riċetti tat-tabib għall-metadone li jista' jittieħed id-dar disponibbli mill-2005 u ġie msaħħaħ mill-2020 wara s-sitwazzjoni tal-COVID-19 dak iż-żmien. Fl-2006, ġie introdott il-buprenorfina. Dan huwa disponibbli wkoll bħala trattament li jista' jittieħed id-dar b'riċetta mill-SMOPU jew minn tabib. Id-dihydrocodeine huwa preskritt f'każijiet rari.

## 6.1 IL-PROVVISTA TAT-TRATTAMENT

Fl-2022, l-SMOPU tat it-trattament tal-agonist kontra l-opjojdi (OAT) lil 857 individwu, żieda ta' 8% mis-796 individwu fl-2021. Fl-2020 ma ġiet irreġistrata l-ebda bidla, u 855 individwu ġew irreġistrati li qed jirċievu l-OAT. Madankollu, kien hemm tnaqqis ta' 7% minn 920 individwu fl-2019. Bħala paragun, iċ-ċifra għall-2022 tirrappreżenta żieda ta' 17% mis-730 individwu li rċevew l-OAT fl-2018. Il-maġġoranza vasta ta' individwi li rċevew OAT għadhom qed jirċievu t-trattament minħabba l-użu tal-eroina bħala d-droga primarja tagħhom.

## 6.2 INDIVIDWI LI JIRĊIEVU T-TRATTAMENT

It-tabella hawn taħt turi li, fl-2022, ġew ittrattati total ta' 1,927 individwu, li jindika tnaqqis ta' 3% mill-2021, fejn 1,990 kienu qed jirċievu t-trattament. Min-naħa l-oħra, il-ħames snin preċedenti żammew tendenza konsistenti ta' żieda medja ta' 2% fis-sena. In-numru medju ta' individwi li fittxew it-trattament fis-sitt snin bejn l-2017 u l-2022 kien ta' 1,931.

| | 2017 | | 2018 | | 2019 | | 2020 | | 2021 | | 2022 | | Grafika |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | n | % | n | % | n | % | n | % | n | % | n | % | n |
| L-Individwi Kollha | 1845 | 100 | 1898 | 100 | 1943 | 100 | 1984 | 100 | 1990 | 100 | 1927 | 100 | |
| Dawk Ittrattati Preċedentement | 1600 | 87 | 1508 | 79 | 1596 | 82 | 1487 | 75 | 1579 | 80 | 1458 | 76 | |
| Dawk li Rċevew it-Trattament għall-Ewwel Darba | 245 | 13 | 390 | 21 | 347 | 18 | 497 | 25 | 411 | 20 | 469 | 24 | |

Tabella 6.0: Individwi li qed jirċievu t-trattament 2017-2022

469 utent tas-servizzi bdew jużaw is-servizzi tat-trattament għad-droga għall-ewwel darba fis-sena 2022, żieda ta' 14% mill-411 individwu li daħal għat-trattament għall-ewwel darba fl-2021. Min-naħa l-oħra, ġie rreġistrat tnaqqis ta' 6% meta mqabbel mal-2020 (497 individwu) iżda xorta waħda żieda sinifikanti meta mqabbla ma' snin oħra. Ta' min wieħed jinnota wkoll li matul dawn l-aħħar sitt snin, kien hemm total ta' 2,358 individwu li fittxew it-trattament għall-ewwel darba f'ħajjithom.

In-numru ta' persuni li daħlu għat-trattament għall-ewwel darba li jużaw il-kokaina bħala d-droga primarja tagħhom żdied fis-snin riċenti. Ġiet irreġistrata żieda ta' 4% fl-2022 meta mqabbla mal-2021, b'54% (254 individwu fl-2022 u 50% (207 individwi) fl-2021. Minkejja t-tnaqqis fl-2021, tendenza ta' żieda tal-individwi li talbu t-trattament tal-kokaina bħala droga problematika kienet tendenza ta' żieda għal dawn l-aħħar snin, kif muri fil-figura t'hawn taħt.




Figura 6.0: Il-Kokaina bħala d-droga primarja skont in-numru ta' dawk li rċevew it-trattament għall-ewwel darba 2017-2022




Figura 6.1: Il-proporzjon tal-Eroina u l-Kokaina fir-rigward tal-individwi ttrattati kollha 2017-2022

Figura 6.1 hawn fuq turi li l-bidla minn dawk li rċevew it-trattament primarjament għall-użu tal-eroina, għal dawk li qed ifittxu t-trattament primarjament għall-użu tal-kokaina qed tkompli, bid-doppju tal-perċentwal tal-utenti tal-kokaina li fittxew it-trattament meta l-2017 (18%) jiġi mqabbel mal-2022 (39%). Tendenza 'l isfel fl-utenti tal-eroina li jfittxu t-trattament hija viżibbli wkoll, bi tnaqqis minn 69% fl-2017 għal 48% fl-2022. Għandu jitqies in-numru ta' individwi li qed jirċievu t-trattament, b'mod speċjali meta jitqiesu ż-żieda fl-utenti tas-servizzi u l-ammont ta' utenti tal-eroina li maż-żmien kien b'mod kostanti aktar minn 1,000 utent kull sena. Għalkemm il-perċentwal ta' dawk li jużaw l-eroina qed jonqos, in-numru ta' individwi li qed jirċievu t-trattament baqa' konsistenti matul is-snin. Dan jirrifletti l-fatt li l-utenti tal-eroina jibqgħu jirċievu t-trattament għal perjodu ta' żmien twil.

## 6.3 KARATTERISTIĊI TA' DAWK KOLLHA LI DAĦLU GĦAT-TRATTAMENT

L-irġiel għadhom jikkostitwixxu l-maġġoranza vasta ta' persuni li jirċievu t-trattament, u jammontaw għal 80% tal-individwi kollha li rċevew it-trattament fl-2022. Iċ-ċifri jkomplu jindikaw tendenza simili għas-snin preċedenti, b'81% tal-individwi ttrattati fl-2021, 82% fl-2017, 80% fl-2018, l-2019, u l-2020.

In-nisa li fittxew it-trattament fl-2022 ammontaw għal 20% tal-individwi kollha. Id-data żvelat ukoll li l-eroina għadha d-droga tal-għażla l-aktar prevalenti fost in-nisa, u tammonta għal 47%, segwita mill-kokaina li tammonta għal 42%.

In-nisa li jużaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom naqsu b'6% fl-2022 mill-2021 (47% fl-2022 għal 53% fl-2021) u 13% mill-2020 (60% fl-2020 għal 47% fl-2022), filwaqt li n-nisa li jużaw il-kokaina żdiedu b'7% fl-2022 meta mqabbla mal-2021 (42% fl-2022 minn 35% fl-2021) u 14% fl-2020 (42% fl-2022 minn 28% fl-2020). Dan huwa konsistenti max-xejriet deskritti qabel f'dan il-kapitolu, li juru tnaqqis fl-użu tal-eroina bħala d-droga primarja u żieda fl-użu tal-kokaina. Bl-istess mod, ġie osservat tnaqqis ta' 6% fl-irġiel li jużaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom meta mqabbel mal-2021 (minn 54% fl-2021 għal 48% fl-2022) u tnaqqis ta' 1% meta mqabbel mal-2020 (48% fl-2022 minn 49% fl-2020). Min-naħa l-oħra, il-kokaina żdiedet b'4% u 8%, rispettivament, meta mqabbla mas-sena 2021 u 2020 (38% fl-2022 minn 34% fl-2021 u 30% fl-2020).

## 6.4 ETÀ

Id-data dwar l-individwi kollha li fittxew it-trattament tiżvela li l-età medjana ta' individwi nisa kienet ta' 38 sena filwaqt li kienet ta' 39 sena għall-irġiel. L-età medjana meta bdiet tintuża kwalunkwe droga kienet 16-il sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Id-data tiżvela wkoll li ż-żmien medjan li għadda bejn l-użu tad-droga għall-ewwel darba u t-tfittxija eventwali tat-trattament kien ta' 7 snin kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.




Figura 6.2: Id-distribuzzjoni tal-età skont id-droga primarja 2022

Matul l-2018, in-numru ta' individwi li applikaw għat-trattament li kellhom anqas minn 35 sena ammonta għal 859 individwu, li jifforma 46% tal-popolazzjoni totali. L-istess tendenza kompliet fl-2019, b'794 individwu li kellhom età ta' anqas minn 35 sena meta daħlu għat-trattament. Dan ammonta għal 41% tal-popolazzjoni kollha ttrattata. Din id-data turi tnaqqis sostanzjali mis-snin preċedenti, fejn fl-2016 kienu rreġistrati 50% u fl-2015 kienu rreġistrati 52% tal-individwi f'din il-kategorija ta' età iżda kienet simili għas-snin preċedenti, b'mod partikolari l-2017. Tendenza 'l isfel simili tidher fis-snin 2020, 2021 u 2022, fejn 37% (739 individuals) fl-2020, 36% (715 individwu) fl-2021 u 32% (618 individwu) fl-2022 tal-popolazzjoni kienu taħt l-età ta' 35 sena, rispettivament. Din iċ-ċifra tindika li hemm popolazzjoni li qed tiżdied ta' dawk li qed jixjieħu fost dawk l-individwi li jirċievu t-trattament, b'mod partikolari individwi li jużaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom. Fil-fatt, total ta' 1,307 individwu li rċevew it-trattament fl-2022 kellhom aktar minn 35 sena. Dan juri li utenti akbar fl-età jiffurmaw il-maġġoranza vasta ta' persuni ttrattati, li jammontaw għal 68% ta' dawk li rċevew it-trattament.

Barra minn hekk, fl-2022, l-aktar grupp ta' età komuni li rċieva t-trattament kien il-grupp ta' individwi bejn il-35 u d-39 sena, u dak ta' bejn l-40 u l-44 sena bi 369 u 380 individwu, rispettivament. Dawn iċ-ċifri jindikaw bidla mis-snin preċedenti fejn l-età predominanti kienet ħafna drabi rrappurtata bħala l-kategorija tal-età ta' bejn il-25 u d-29 sena.

Il-proporzjon ta' individwi taħt l-età ta' 35 sena li attendew is-servizzi għall-ewwel darba naqas minn 72% (177 individwu) fl-2017 għal 48% (187 individwu) fl-2018. Madankollu, fl-2019, din iċ-ċifra żdiedet għal 80% (276 individwu). Fl-2020 ġie rreġistrat tnaqqis ieħor fejn 56% (279 individwu) ta' dawk li fittxew it-trattament għall-ewwel darba kellhom anqas minn 35 sena, meta mqabbla ma' 56% (232 individwu) fl-2021. Fl-2022, ġie rreġistrat tnaqqis ieħor ta' 44% (206 individwu).

## 6.5 IT-TFAL

Fl-2022, 32% tal-individwi nisa li fittxew it-trattament irrappurtaw li kellhom it-tfal, li minnhom, 52% indikaw li jgħixu flimkien mat-tfal tagħhom. Il-perċentwal tan-nisa li rrappurtaw li kellhom it-tfal naqas b'10% mill-2021 (42%) u bi 12% mill-2020 (44%). Bl-istess mod, il-perċentwal tan-nisa li rrappurtaw li jgħixu mat-tfal tagħhom naqas b'24% meta mqabbel mal-aħħar tliet snin, bi 52% fl-2022, 77% fl-2021 u 76% fl-2020.

## 6.6 L-ISTATUS TAL-IMPJIEG

In-numru ta' individwi li rrappurtaw li kienu impjegati bi qligħ fl-2022 ammonta għal 46% (881 individwu) ta' dawk kollha li applikaw għat-trattament. Meta mqabbla mas-snin preċedenti, iċ-ċifri għal individwi b'impjieg regolari huma aktar baxxi minn dawk fl-2021 (48%), 2020 (50%) u 2019 (47%). Madankollu, meta mqabbla mal-2017 u l-2018, ġiet irreġistrata żieda ta' 3% (43% rispettivament).

Fl-2022, 22% tal-individwi kollha li rrappurtaw li kienu impjegati bi qligħ użaw id-droga primarja tal-għażla tagħhom kuljum. Fl-2022, l-individwi li rrappurtaw li kienu qiegħda ammontaw għal 31% (592 individwu). Din iċ-ċifra hija l-aktar perċentwal baxx ta' qagħad li qatt ġie rreġistrat f'dawn l-aħħar snin, billi l-medja tal-persuni qiegħda fis-snin preċedenti kienet ta' 37%. Il-perċentwal ta' individwi qiegħda li qed jirċievu t-trattament li jużaw id-droga kuljum kien ta' 24% fl-2022. L-istudenti ffurmaw 1% biss tal-popolazzjoni kollha ttrattata.

## 6.7 EDUKAZZJONI KOMPLUTA

Fl- 2022 15% (297 individwu) irrappurtaw li waqqfu l-edukazzjoni tagħhom fil-livell primarju, l-istess bħal fl-2021 bi 15% (304 individwu). Meta mqabbla mas-snin preċedenti, ġiet irreġistrata żieda ta' 4% mill-11% (214 individwu) fl-2020 u tnaqqis ta' 2% mis-17% (325 individwu) fl-2019. In-numru totali ta' dawk li daħlu għat-trattament li rrappurtaw li waqqfu l-edukazzjoni tagħhom fil-livell sekondarju fl-2022 ammonta għal 66% (1,264 individwu), tnaqqis ta' 3% minn 69% (1,367 individwu) fl-2021, tnaqqis ta' 6% minn 72% (1,426 individwu) fl-2020 u żieda ta' 9% minn 57% fl-2019 (1,107 individwu). 12% (236 individwu) irrappurtaw li lestew l-edukazzjoni għolja fl-2022, l-istess bħal fl-2021 bi 12% (243 individwu) u fl-2020 bi 12% (238 individwu). Ġie rreġistrat tnaqqis ta' 7% meta mqabbel mal-2019, jiġifieri 19% (378 individwu). Kien hemm 4 individwi li rrappurtaw li qatt ma attendew skola primarja. Dawn iċ-ċifri ma jimplikawx li dawn l-individwi qatt f'ħajjithom ma attendew xi skola sekondarja, iżda jagħtu indikazzjoni li, fost il-popolazzjoni ta' individwi li fittxew it-trattament, kien hemm għadd sostanzjali ta' utenti tas-servizzi li ħallew l-edukazzjoni ta' età żgħira ħafna.

Fl-2022, 51% tal-individwi li lestew il-livell tal-iskola sekondarja użaw l-eroina bħala d-droga primarja tal-għażla tagħhom, tnaqqis ta' 3% meta mqabbla mal-2021 (54%) u tnaqqis ta' 7% mill-2020 (58%), filwaqt li 36% użaw il-kokaina, żieda ta' 5% mill-2021 (31%), u żieda ta' 7% mill-2020 (29%). 12% rrappurtaw l-użu tal-kannabis, tnaqqis ta' 2% mill-2021 (14%) u tnaqqis ta' 1% mill-2020 (13%). Fost l-individwi li rrappurtaw li lestew l-edukazzjoni għolja, 33% irrappurtaw l-eroina bħala d-droga primarja tal-għażla tagħhom, żieda ta' 4% mill-2021 (29%) u tnaqqis ta' 7% meta mqabbla mal-2020 (40%). 49% tal-individwi oħra użaw il-kokaina, l-istess perċentwal irrappurtat fl-2021 (49%) u żieda ta' 9% meta mqabbla mal-2020 (40%). 16% tal-individwi irrappurtaw l-użu tal-kannabis, tnaqqis ta' 3% meta mqabbla mal-2021 (19%) u tnaqqis ta' 2% meta mqabbla mal-2020 (18%). Id-droga primarja għal dawk li lestew is-snin primarji l-iskola kienet l-eroina għal 44% tal-individwi, tnaqqis ta' 5% meta mqabbla mal-2021 (49%) u l-istess perċentwal meta mqabbla mal-2020 (44%), il-kokaina għal 44% tal-individwi, żieda ta' 9% meta mqabbla mal-2021 (35%) u żieda ta' 5% meta mqabbla mal-2020 (39%), u l-kannabis għal 11% tal-individwi, tnaqqis ta' 3% meta mqabbla mal-2021 (14%) u tnaqqis ta' 5% meta mqabbla mal-2020 (16%).

F'din l-istess sena, 59% ta' dawk kollha li lestew l-iskola primarja kienu utenti ta' kuljum, tnaqqis ta' 3% meta mqabbla mal-2021 (62%) u l-istess perċentwal meta mqabbla mal-2020 (59%), filwaqt li dawk li lestew l-iskola sekondarja ammontaw għal 67% tal-utenti ta' kuljum, l-istess perċentwal bħal fl-2021 (67%) u żieda ta' 1% meta mqabbla mal-2020 (66%). Dawk li kisbu livell tal-edukazzjoni għolja ammontaw għal 48% tal-utenti ta' kuljum, tnaqqis ta' 1% meta mqabbla mal-2021 (49%) u tnaqqis ta' 3% meta mqabbla mal-2020 (52%).

Analiżi ulterjuri tad-data tal-2022 turi li 67% tan-nisa lestew l-edukazzjoni fil-livell tal-iskola sekondarja, filwaqt li 15% iddikjaraw li kienu kisbu livell tal-edukazzjoni għolja. Analiżi ulterjuri tiżvela li mis-67% tan-nisa li lestew l-edukazzjoni fil-livell tal-iskola sekondarja, 8% kienu ekonomikament inattivi, 9% ħadmu okkażjonalment, 32% kienu f'impjieg regolari, u 40% kienu qiegħda. B'paragun ma' dan, fost il-15% li rrappurtaw li għandhom livell ta' edukazzjoni għolja, 4% kienu ekonomikament inattivi, 2% ħadmu okkażjonalment, 50% kienu f'impjieg regolari, u 27% kienu qiegħda.

## 6.8 L-IMĠIBA TAL-INJETTAR – IS-SUSTANZI KOLLHA

Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn l-imġiba tal-injettar fost l-individwi li rċevew trattament matul l-2022. Fl-2022, il-maġġoranza tal-persuni li rċevew it-trattament, 1,216 (63%) individwu, irrappurtaw li qatt ma kienu injettaw id-droga f'ħajjithom. Mill-bqija tal-individwi li injettaw id-droga, 367 (19% tal-individwi ttrattati) irrappurtaw li f'dak il-mument kienu qed jinjettaw id-droga, filwaqt li t-328 (17% tal-individwi ttrattati) l-oħra ma kinux qed jinjettaw id-droga. Dawn iċ-ċifri juru li n-numru ta' persuni li jinjettaw id-droga hija l-aktar baxxa li qatt kienet, b'żieda sinifikanti fl-individwi li qatt ma injettaw id-droga meta mqabbla ma' dawn l-aħħar snin.

Fl-2022, kien hemm 1,664 individwu li qatt ma qasmu labra ma' oħrajn, li ammonta għal 86% tal-popolazzjoni totali ta' dawk li kienu qed jirċievu t-trattament. Dan huwa tnaqqis ta' 2% meta mqabbel mal-2021 (88%; 1,749 individwu), tnaqqis ta' 3% mill-2020 (89%; 1,756 individwu) u żieda ta' 17% meta mqabbla mal-2019 (69%; 1,337 individwu).

## 6.9 IN-NAZZJONALITÀ TAL-UTENTI TAS-SERVIZZI TAL-KURA

Il-maġġoranza kbira tal-individwi li aċċessaw is-servizzi tat-trattament lokali f'dawn l-aħħar 6 snin kienu ċittadini Maltin, b'91% fl-2017, 93% fl-2018, 94% fl-2019 u l-2020 u 92% fl-2021 u 91% fl-2022. Il-medja taċ-ċittadini Maltin ittrattati f'dawn l-aħħar sitt snin kienet ta' 92%.

## 6.10 ID-DISTRIBUZZJONI TAL-UTENTI TAS-SERVIZZI SKONT IR-REĠJUN

Il-maġġoranza tal-individwi fit-trattament fl-2022 kienu jgħixu fiż-żona tal-Port tan-Nofsinhar (31%), segwiti miż-żona tal-Port tat-Tramuntana (30%), jif jidher mill-Figura 6.3. Dan kien segwit mir-Reġjun tax-Xlokk (14%), ir-Reġjun tat-Tramuntana (11%), ir-Reġjun tal-Punent (8%), u 3% għar-Reġjun ta' Għawdex.




Figura 6.3: Id-distribuzzjoni tal-utenti tas-servizz skont ir-reġjun 2022

It- Tabella 6.1 turi li ċ-ċifri għall-2022 huma simili ħafna għaċ-ċifri l-aktar riċenti rreġistrati għas-sentejn preċedenti.

| Reġjun | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|
| Port tan-Nofsinhar | 32% | 31% | 31% |
| Port tat-Tramuntana | 30% | 31% | 30% |
| Xlokk | 15% | 15% | 14% |
| Punent | 8% | 8% | 8% |
| Tramuntana | 12% | 12% | 11% |
| Għawdex u Kemmuna | 2% | 2% | 3% |
| Mhux magħruf | 0% | 0% | 2% |

Tabella 6.1: Utenti tas-servizz skont ir-reġjun 2020-2022

## 6.11 SERVIZZI TERAPEWTIĊI TAL-ADOLEXXENTI TAL-IBWAR – CARITAS MALTA

Is-Servizzi Terapewtiċi tal-Adolexxenti Tal-Ibwar Caritas huwa servizz li ġie mniedi fl-2021. Is-servizz il-ġdid joffri appoġġ u tisħiħ tal-pożizzjoni lil żgħażagħ minn 12 sa 17-il sena li qed jesperjenzaw diffikultajiet minħabba l-użu problematiku tas-sustanzi. Il-prinċipju ewlieni li jiggwida l-interazzjonijiet kollha f'Tal-Ibwar fil-livelli kollha, huwa dak tar-rispett tal-bniedem lejh innifsu u lejn l-oħrajn.

Tal-Ibwar joffri tliet servizzi differenti, b'mod partikolari;

- Is-servizz psikosoċjali u tal-familja
- Is-servizz ta' matul il-jum
- Is-Servizz Residenzjali

Is-servizz appoġġja total ta' 34 żgħażugħ matul l-2022. Il-maġġoranza tal-utenti tas-servizzi f'Tal-Ibwar kienu rġiel, u ammontaw għal 82% tan-numru total ta' individwi. Min-naħa l-oħra, in-nisa ammontaw għat-18% tal-individwi l-oħra. Barra minn hekk, il-maġġoranza vasta, jiġifieri 88% tal-utenti tas-servizzi, kienu Maltin.

Id-data turi li l-maġġoranza tal-individwi, 97%, qatt ma injettaw id-droga. 56% tas-servizzi tal-utenti rrapportaw li kienu użaw il-kannabis bħala d-droga tal-għażla tagħhom, segwiti minn 24% li ppreferew il-kannabis sintetiku, u 18% li użaw il-kokaina. Perċentwal żgħir biss, jiġifieri 3%, irrappurtaw li użaw l-eroina. Barra minn hekk, meta wieħed jikkunsidra l-frekwenza tal-użu, l-użu ta' kuljum kien irrappurtat minn kważi nofs dawk li wieġbu, jiġifieri 47%; porzjoni sinifikanti jużaw id-droga b'mod anqas frekwenti, bi 12% biss jużaw id-droga darba fil-ġimgħa jew anqas. Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li porzjon sinifikanti tal-utenti tas-servizzi (49%) fittxew it-trattament wara sena ta' użu tad-droga.

Huwa interessati li wieħed jinnota li għadd konsiderevoli ta' utenti tas-servizzi (41%) ġew irreferuti minn servizzi legali bħall-qorti, il-probation, is-CSA u l-pulizija, li jindika l-involviment tas-sistema tal-ġustizzja kriminali fl-indirizzar tal-użu tad-droga. Barra minn hekk, id-data tiżvela firxa wiesgħa ta' sorsi ta' riferiment, li jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn setturi differenti fl-għoti ta' appoġġ lill-individwi li qed jitħabtu mal-użu problematiku tas-sustanzi. Is-sorsi ta' riferimenti għall-utenti tas-servizzi huma murija fit-tabella hawn taħt.

| Irreferut minn | Perċentwal % |
|---|---|
| It-Taqsima Kontra l-Abbuż mis-Sustanzi | 9% |
| Qorti/Probation/Pulizija/CSA | 41% |
| Familja | 18% |
| Oħrajn | 3% |
| Servizzi Oħra tas-Saħħa jew Mediċi jew Soċjali | 23% |
| Psikjatra | 6% |

Tabella 6.2: Sorsi ta' Riferiment lil Tal-Ibwar 2022

## 6.12 IT-TAQSIMA TAD-DIJANJOŻI DOPPJA

It-Taqsima tad-Dijanjożi Doppja (DDU) f'Malta iddaħħal pazjenti dijanjostikati kemm b'mard mentali kif ukoll b'mard relatat tal-użu tas-sustanzi. Malta stabbiliet żewġ taqsimiet apposta fl-Isptar Monte Carmeli, waħda għal pazjenti rġiel u l-oħra għal pazjenti nisa. Fiż-żewġ DDUs, iddaħħlu total ta' 140 pazjent, 81 pazjent fid-DDU tal-irġiel u 59 pazjent fid-DDU tan-nisa. Il-gruppi tal-età tal-pazjenti fiż-żewġ DDUs varjaw minn 18 sa 65 sena bl-età medjana ta' 38 sena.

Id-Dijanjożi Doppja hija waħda mill-aktar problem ta' sfida fil-kura tas-saħħa mentali. It-terminu "Dijanjożi Doppja' jirreferi għal spettru wiesgħa ta' diffikultajiet tas-saħħa mentali u tal-użu ħażin tas-sustanzi li persuna tista' tesperjenza fl-istess ħin. Spjegazzjonijiet possibbli għal din il-kundizzjoni kumplessa huma:

- Problema tas-saħħa mentali primarja li tippreċipita jew li twassal għal episodju/i tal-użu ħażin tas-sustanzi.
- Żieda fl-użu ħażin tas-sustanzi li taffettwa l-iżvilupp tal-mard mentali.
- Intossikazzjoni li twassal għal sintomi psikoloġiċi.
- Użu ħażin tas-sustanzi u/jew irtirar tas-sustanzi li jwasslu għal diffikultajiet tas-saħħa mentali.

Id-data għall-2022 turi li fost il-140 pazjent, id-droga primarja l-aktar komuni rrappurtata kienet il-kokaina b'99 individwu (71%). It-tieni l-aktar droga użata kienet l-eroina b'29 individwu(21%). Meta jitqiesu d-DDUs individwali, is-sustanza l-aktar komuni użata fost il-pazjenti rġiel fid-DDU kienet il-kokaina, jiġifieri 64 individwu (79%), segwita mill-eroina, jiġifieri 8 individwi (10%). Fost il-pazjenti nisa fid-DDU, is-sustanzi użati l-aktar kienu l-kokaina, jiġifieri 35 individwu (59%), segwita mill-eroina, jiġifieri 21 individwu (36%).

### L-iżviluppi u t-Taqsima tad-Dijanjożi Doppja tal-Irġiel

Matul l-2022 it-Taqsima tad-Dijanjożi Doppja tal-Irġiel (MDDU) bdiet diskussjonijiet mad-diversi programmi ta' riabilitazzjoni, b'mod partikolari l-Caritas, l-OASI u s-Sedqa. Żewġ membri tal-persunal ingħataw l-opportunità li jsegwu xogħol ta' rutina fil-Fondazzjoni OASI f'Għawdex. Matul din l-opportunità ta' taħriġ, il-membri tal-persunal attendew lekċers u segwew sessjonijiet fi gruppi flimkien mal-persunal tal-OASI. Wara din l-esperjenza, taw istruzzjonijiet lill-persunal fl-MDDU biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar it-tmexxija ta' sessjoni fi grupp. Is-Sedqa u l-Caritas stiednu lill-persunal tal-MDDU għal żjara ta' nofs ġurnata fil-bini tagħhom, fejn ipparteċipaw f'sessjonijiet fi grupp u ltaqgħu mal-klijenti tagħhom.

MDDU bdiet torganizza wkoll seminars kull xahar għall-persunal, f'kollaborazzjoni mat-trattament tad-droga, sabiex il-persunal tad-DDU jkun jista' jitgħallem minn diversi professjonisti li jaħdmu fis-servizzi tad-droga, b'mod partikolari fil-programmi ta' riabilitazzjoni, servizzi mediċi outpatient u inpatient, konsulenti u persunal mediku ieħor. Dawn l-opportunitajiet ta' tagħlim għenu lill-membri tal-persunal fl-MDDU jsaħħu l-għarfien tagħhom, isiru aktar interessati fis-suġġett u għaldaqstant ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jassistu lill-pazjenti.

Minħabba li n-numru ta' persuni li jiddaħħlu fl-Isptar Monte Karmeli dejjem qed jiżdied, ġiet stabbilita taqsima oħra, it-Taqsima l-Mard Relatat mal-Użu tas-Sustanzi (SUDU - Substance Use Disorder Unit). It-taqsima tahseb għal 7 pazjenti li għandhom problema bl-użu tas-sustanzi. B'mod ġenerali, il-pazjenti jiddaħħlu fl-SUDU u mbagħad jiġu ttrasferiti lill-MDDU wara li jiġu vvalutati mit-tim mediku. Madankollu, xi klijenti jiddaħħlu direttament fl-MDDU wara diskussjonijiet bejn it-tim multidixxiplinari.

Aktar ħin barra mit-Taqsima għen lill-pazjenti jiffukaw fuq il-problemi attwali tagħhom. Mixjiet u pikniks barra mill-bini tal-isptar huma organizzati b'mod regolari. Waqt dawn il-mixjiet isiru wkoll diskussjonijiet fi grupp. Dan għen lill-pazjenti jistabbilixxu relazzjoni ta' fiduċja mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u fil-bini ta' relazzjoni aħjar bejn l-infermier u l-pazjent.

### L-iżviluppi u t-Taqsima tad-Dijanjożi Doppja tan-Nisa

### L-għan u l-miri

Is-sala tal-FDDU primarjament toffri monitoraġġ psikofarmakoloġiku u valutazzjoni psikjatrika u psikoloġika u konsultazzjoni għal pazjenti b'mard relatat l-użu tas-sustanzi u b'mard tas-saħħa mentali fl-istess ħin. Il-missjoni ta' din is-sala hija l-istabbilizzazzjoni, ir-riżoluzzjoni ta' riskju akut ta' ħsara għall-persuna stress jew għal oħrajn u l-koordinazzjoni ta' ħtiġijiet ta' kura kontinwi mal-familja u mal-fornituri tal-kura komunitarja. Dan jinkiseb billi jitfassal pjan individwali ta' kura għal kull pazjent, li jinvolvi firxa ta' interventi bijoloġiċi, psikoloġiċi u soċjali u permezz tal-provvista ta' struttura ta' kuljum u firxa ta' interventi kliniċi u terapewtiċi effettivi. Jingħata trattament komprensiv kemm lil pazjenti individwali kif ukoll f'ambjenti ta' grupp permezz ta' counselling individwali jew terapija ta' ħidma fi grupp. L-FDDU tipprovdi kura intensiva u multidixxiplinari speċjali biex jiġu offruti l-valutazzjonijiet tar-riskju neċessarji, l-għajnuna terapewtika dijanjostika u akuta, il-kontroll ta' mġiba mhux xierqa u l-provvista tas-servizzi f'ambjent li jassisti l-irkupru tal-pazjenti.

### Sors ta' Riferiment

Il-Psikjatra Konsulent responsabbli għas-sala hija Dr. Aloisia Camilleri. Il-pazjenti jistgħu jiġu riferuti lil STMS mill-SMOPU li tinsab G'Mangia li tagħti storja qasira inklużi dħul preċedenti fit-taqsima flimkien ma' sinteżi tad-dħul ippjanat biċ-ċirkostanzi attwali tagħhom u t-trattament tagħhom inkluża doża ta' methadone jekk applikabbli u l-intenzjoni proposta għall-futur tal-pazjent, jiġifieri jekk huwiex/hijiex biħsiebu/ha jidħol/tidħol fi program ta' trattament. FDDU tirċievi wkoll riferimenti minn aġenziji oħra bħas-Sedqa, l-OASI jew il-Caritas. Il-pazjenti jistgħu jiġu ttrasferiti wkoll minn MDH wara trattament għal doża eċċessiva. Il-pazjenti jistgħu jiġu referuti wkoll mill-qrati.